Il-ħdax-il Sena  Ottubru 1941-Frar 1942  Għadd 128-132

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

## X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Ix-Xogħol Tagħna | *Editorjal* |
| Dmugħ il-Kwiekeb | G. Delia S.J. |
| Il-Madonna tan-Niċċa | Dr. Ġużè Galea |
| Ftakart... | Ġ. Micallef Grimaud |
| Lit-tempju ta' San Ġwann | Dr. E. Agius |
| Xi tfisser il-ħidma għall-Malti | K. Sant |
| Twelid il-Għana | F. Camilleri |
| Il-Biża' tal-Mewt | Prof. Ġ. Aquilina |
| L-Għerien tal-Fatati | Ġ. Zammit |
| Rapport fuq il-Konkors tal-"Essays" | Dr. John J. Cremona u Dr. Ġ. Galea |
| Xandir l-Isem | F. Camilleri |
| Xewqiet għal Fomm-ir-Riħ. | Dr. E. Agius |
| Il-Flus u l-Hena | V. Apap |
| L-Omm | Ġorġ Chetcuti |
| Ċawla Bajda | G. Orlando Smith |
| Fi Żmien L-Assedju | "*Mors Mea Vita Tua*" |
| Rebħ is-Sewwa | M. Agius |
| Dizzjunarju ta' Sinonimi Maltin | Prof. G. Aquilina |
| Kif igħajtu l-Bejjiegħa | G. Cassar Pullicino |
| Is-Safar II | M. Mizzi |
| Kotba ġodda | M. Mizzi |

Werrej tas-Sena 1941-42

GĦAQDA TAL-MALTI (Università)

Nitolbuk li tibagħtilna 1/3 bi ħlas ta'
**"LEHEN IL-MALTI"** għal 1942-43

Tista' wkoll, jekk trid, tibgħathom bolli jew *Postal Order.*

A. C. AQUILINA & CO.
*58D, Sda. Reale,*
*Palace Square Corner,*
*Valletta.*

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)"

OTTUBRU 1941 – FRAR 1942 ] IL-ĦDAX-IL SENA [ Għadd 128–132

# IX-XOGĦOL TAGĦNA

## GĦALFEJN QED NAĦDMU

Leħen il-Malti qed jikber fit-tixrid tiegħu; fl-aħħar ħarġa laħħaqna mal-ħames mija. Dan in-numru, meta nqisu x-xeħta tal-Leħen u ċ-ċokon ta' Malta hu sabiħ ħafna: ta' l-anqas elfejn ruħ qraw dak li ktibna aħna. Lil dawn li jafdaw fina aħna rridu llum ngħidulhom min aħna u għal fejn aħna Għaqda; x'aħna nħarsu bħal issa u x'għandna nagħtu għat-tiswir ta' Malta aħjar. Leħen il-Malti mhux biss rivista ta' l-istudenti, mhux biss laboratorju fejn jitħarrġu kittieba żgħażagħ. Din ir-rivista tagħna rridu ngħamluha xi ħaġa ħajja: irridu nkunu ta' għajnuna lill-qarrejja tagħna fit-tiswir tal-ħseb-ijiet tagħhom. Lill-qarrejja tagħna nixtiequ nkunu nafu-hom aħjar u b'dan il-ħsieb, nittamaw li f'ħarġa oħra nġibu *questionnaire.* Ikun ta' gost għalina wkoll kieku l-qarrejja jiktbulna u jgħidulna fuq hiex iriduna nitkellmu. Aħna m'aħniex qegħdin biss biex niddiskutu fuq it-tikka u mhux tikka, kif forsi xi ħadd ħasibna s'issa. Aħna qegħdin biex naħdmu ħalli nqajmu fost l-istudenti u f'kull Malti spirtu ta' studju u ta' tfittix; qegħdin biex nagħtu l-ħajja lill-Kultura Maltija.

Kien b'dan il-ħsieb li, ftit iktar minn sena ilu, bdejna nxandru programmi letterarji minn fuq ir-Rediffusion, ta' kull ħmistax, li għadhom sejrin sal-lum. Tajna lill-poplu tagħna l-poeżija fil-pjazez u iktar minn darba smajna nies li qatt ma kienu joħolmu biha jiddiskutu l-kitba Maltija.

Imma l-ħajja kulturali ta' Malta ma tikkunsistix biss fil-poeżija, għad li din hi sinjal ta' ħajja sħiħa ta' nazzjon. Baqa' wesgħat oħra fejn nistgħu nħaddmu l-Malti u l-arti Maltija.

WARA L-GWERRA

Wara l-gwerra nittamaw li bil-qajla l-qajla jkollna t-tijatru Malti li jista' jkun ta' ġid kbir għalina. Iktar fil-fond nistgħu nagħtu r-ruħ lill-kultura Maltija bl-istudju tal-Arkijoloġija u ta' l-Istorja li s'issa kienet biss għall-kotba ta' l-iskola. Dan għarfu Sir Temi Zammit, imma l-iktar li kiteb fuq l-arkijoloġija kien bl-Ingliż, u għalhekk, fil-waqt li nies kbar barra minn Malta għarfu l-għerf ta' Temi u s-sbuħija ta' dak li kiteb, il-poplu Malti baqa' biered. Dan l-għerf u dawn il-kixfiet hemm bżonn li nagħmluhom ħaġa ħajja fil-poplu Malti. Dawn forsi jidhru li huma rqaqat żejda u li żgur ma humiex sa jbiddlu għat-tajjeb il-kultura tagħna. Fl-Università ta' Rejkjavik hemm kattedra ta' l-Arkeoloġija biex jistudjaw l-affarijiet antiki tal-Vikings. Aħna f'Malta għandna l-imqades kbar — Ħaġar Qim, l-Imnajdra, il-Ġgantija.... Il-professur Ugolini irid jgħid li huma l-bidu u n-nieqa taċ-Ċiviltà tal-Mediterran; Christopher Dawson, professur tal-Kultura fl-Università ta' Exeter, jgħid li huma wieħed mis-sinjali fit-trieq taċ-Ċiviltà fl-Ewropa: aħna f'Malta bilkemm nafu bihom.

BARRA MINN MALTA.

Ħutna ta' l-Eġittu qegħdin jagħmlu mill-aħjar biex isaħħu l-Ispirtu Malti; fl-Amerka l-Maltin għandhom il-ġurnal tagħhom u fi Franza Laurent Ropa qed ixerred il-poeżija Maltija f'kotba u f'rivisti; in-novelli li kiteb ipinġu wkoll ħajja Maltija. Ma' dawn il-Maltin, imxerrdin mad-dinja, hemm bżonn jkollna xi rabta. Hemm bżonn nilħquhom bil-kitba. Id-dinja li ngħixu fiha wara l-gwerra aktarx li tkun mibnija fuq sisien Anglo-Amerikani. F'dinja bħal din il-qagħda ta' Malta tkun ekonomikament sħiħa u s-safar tan-nies żejda jkun jista' jsir

f'pajjiżi oħra tal-Imperu u fl-Istati Magħqudin. Irridu li f'dinja bħal din ikun hemm bħal għaqda bejn il-Maltin u li kull Malti jkun jaf x'qegħdin jagħmlu ħutu. Dan jista' jsir bir-rabtiet ta' *Lsien*, ta' *Letteratura* u ta' *Storja*. L-Ilsien għandna diġa u b'li studju xjentifiku f'darna nistgħu nagħmluh aktar interessanti. Il-Letteratura tagħna nistgħu nxerrduha mal-erbat irjieħ tad-dinja minn fuq il-*B.B.C.* Kull nhar ta' Tlieta Ġużè Sultana qed jagħmel mill-aħjar biex ixandar bċejjeċ ta' kitba Maltija. Dan kien ħsieb tal-Għaqda tal-Malti, imma milli jidher materjal mnejn jagħżel biżżejjed, Sultana ma għandux. Hemm bżonn li ngħinuh kemm nistgħu bħal issa, u li wara l-gwerra dan ix-xandir jibqa' jsir minnu jew minn ħaddieħor. Naraw ukoll li dawn it-taħditiet jkunu aħjar, li jkunu iktar jirrappreżentaw lil Malta u lil ħajja Maltija. Meta dan jitwettaq, meta l-Malti ta' Melbourne, ta' Lixandra, tà' Detroit u ta' Malta jkun jaf u jħobb ix-xogħlijiet ta' Dun Karm u ta' Temi Zammit, ix-xewqa tal-Għaqda tal-Malti tkun mitmuma.

## DUN KARM

Dun Karm għalaq is-sebgħin sena u aħna fakkarna dan b'xandira speċjali minn fuq ir-Rediffusion. Hawnhekk ma hemmx bżonn noqogħdu ngħidu x'għamel għall-Malti Dun Karm: mingħajru l-Malti ma setgħax ikun dak li hu llum. Telaq il-kitba bit-Taljan, ukoll meta din kienet magħrufa barra minn Malta, ma qagħad iqis xejn dak li qalu fuqu Maltin oħra, u flimkien ma' oħrajn beda jikteb fil-"Habib" li sewa ta' ġid kbir għat-tixrid tal-Malti. Minn dak in-nhar 'l hawn Dun Karm baqa' jikteb bil-Malti. Qaleb għal Malti kotba barranin, u fuq kollox kiteb poeżija. Illum, fil-għomor ta' sebgħin sena għadna ma nistgħux ngħidu li x-xogħol ta' Dun Karm hu mitmum.

## GĦAQDA TAL-MALTI OĦRA

Marju Agius u oħrajn waqqfu Għaqda tal-Malti oħra fit-Tarzna. Din il-Għaqda bejn il-ħaddiema tista'

tkun ta' ġid kbir għax l-għaqdiet tal-Malti b'hekk jinfirxu mas-sellum kollu soċjali. L-Għaqda tagħna bejn l-istudenti, l-Għaqda tat-Tarzna bejn il-ħaddiema. Aħna naraw li bejn dawn iż-żewġ għaqdiet ikun hemm ftehim u li 'l quddiem għad tidher fil-Leħen kitba minn tal-ħaddiema fuq dak li jħossu. Nittamaw ukoll li b'din ir-rabta bejn dawn iż-żewġ għaqdiet inkunu nistgħu wkoll nagħtu lil ħbiebna, il-ħaddiema tat-Tarzna, tagħrif u tagħlim fuq kustjonijiet soċjali bil-għajnuna tal-*Malta Catholic Social Guild*.

## IL-KONKORS TAGĦNA

F'naħa oħra ta' dan in-numru qegħdin inxandru rapport fuq il-konkors tal-*essays* li konna nidejna. L-għadd ta' dawk li daħlu għall-konkors kien ġmielu: waslulna dwar sebgħa u għoxrin wieħed u nittamaw li l-biċċa l-kbira minnhom għad jidhru wieħed wieħed fil-Leħen, Dan hu l-bidu ta' konkorsi oħra li għad inxandru iktar il-quddiem: b'hekk inkunu qed nħajru u nġiegħlu nies ġodda jiktbu bil-Malti u nagħtu ħajja oħra lir-rivista tagħna.

## ID-DIZZJUNARJU TAL-GVERN

Dan id-dizzjunarju ilu li beda joħroġ mis-sena 1936. F'dawn il-ħames snin ħarġu 31 faxxiklu u issa qegħdin fl-ittra E. B'hekk jiġi li ħarġu ittra kull sena u jekk nibqgħu sejrin hekk irridu għoxrin sena biex nispiċċaw. Jidhrilna li din il-ħaġa tista' tissewwa billi min għandu f'idejh ix-xogħol tal-Istamperija tal-Gvern jieħu ħsieb joħroġ faxxiklu kull ħmistax kif kien miftiehem; nafu li materjal hemm biżżejjed.

## K. SANT

Ma nistgħux nagħlqu l-editorjal tagħna bla ma nitżu ħajr lil K. Sant tax-xogħol tiegħu għall-Għaqda tal- Malti. Aħna nixtiqulu l-barka t'Alla fil-karriera tiegħu s-Siminarju fil-waqt li nittamaw li l-ħidma tiegħu għall-Malti ma tiqafx u li bħal Dun Karm u qassisin oħra, hu għad, il quddiem, jagħni l-letteratura Maltija b'kitbietu.

# Dmugħ il-Kwiekeb

Rajthom dal-lejl il-kwiekeb
Jixirfu fis-smewwiet
Jittawlu fuq did-dinja,
Sewda bid-dlamijiet.

Kien hemm f'ħarsithom siekta
Bħal dell ta' niket kbir,
Għalhekk kien jidher fuqhom
Bħal raxx ta' fidda jtir.

U mal-fewġiet li jrewħu,
Fil-wisa' hemm fuq miftuħ,
Smajtu t-tnehid ta' qalbhom,
Bħal nifs għajjien ta' ruħ,

Iħaxwex qalb il-weraq
Tal-ġonna f'ġenb l-għoljiet,
Jew mal-mewġiet li rieqda
Jitbewsu mal-plajjiet.

Kien hemm f'leħenhom kiebi,
Fid-dlam tal-lejl mistur,
Bħal swied ta' qalb u dwejjaq,
W ilfiq... ħiemed... miksur....

Il-kwiekeb huma mnikkta
Bil-ġlieda tal-bnedmin,
Li għax għemithom l-għira
Boloh ! tqabdu f'xulxin.

W insew ħlewwiet l-imħabba,
Li taf tal-maħfra l-kliem,
U xegħlu bil-mibegħda
U tilfu t-trieq tas-sliem.

Qed jibku mnikkta l-kwiekeb
Mifruxa mas-smewwiet....
Fid-dlamijiet lejlija
Qalbhom tolfoq fis-skiet.

Jibku... w id-dmugħ li jxerrdu
Jinżel bħal xita fl-art,
U fi qtajriet jinġabar
Fix-xfar ta' fomm il-ward.

Għalhekk kif jibda jżernaq
Fil-għodu mat-tbexbix,
Hemm frak ta' ġawhar jilma
Qalb l-aħdar tal-ħaxix.

In-nida, dmugħ in-niket
Tal-kwiekeb imdejqin,
Li jxerrdu tul il-ljieli
F'ħasrithom għall-bnedmin.

REV. Ġ. DELIA S.J.

15/xii/41

# IL-MADONNA TAN-NIĊĊA

Lieni kienet tifla tar-raħal, iltima minn missierha u trabbiet fil-qasam tal-barba tagħha; fuq ruħha, u bieżla, f'żgħuritha, hi kienet tħobb tmidd idejha u tgħin ruħha mill-aħjar li tista': minn fil-għodu sa fil-għaxija riġlejha dejjem sejjrin, daqqa tagħlef it-tjur, oħra tisqi l-baqra, issa toħroġ xi erba' nagħġiet jirgħaw fix-xagħri ta' fuq il-għaqba u xi drabi tmur tgħasses xi żewġ qżieqeż huma u jgħawwru u jistaħmu fit-tajn tal-wied.

Dik it-tifla ma kenitx taqta' qalbha mix-xogħol u l-għajja qatt ma għamel biha; f'kull żmien tas-sena kienet issib x'tagħmel: fis-sajf kienet tnaqqi fir-raba' jew tidres jew idderri fuq l-andar, jew tqaddet it-tadam u t-tin fuq il-bejt; fil-ljieli twal tax-xitwa kienet tishar ma' niesha huma u jaħalġu u jqasstu r-ruzarju fil-waqt li r-riħ jonfoħ barra l-għorfa u x-xita ċċaqċaq fuq it-twieqi u l-beraq ileħħ waħda f'waħda u r-ragħad ikarwat qawwi; iżda Lieni kienet issib l-oħla hena tagħha fir-rebbiegħa, meta l-ħol-qien donnu jqum minn-ngħasa twila u jissaħħar fi tferfira ta' ħajja u ta' ġmiel: ir-raba jitgħatta b'kisja ta' ħdura mżewwqa bil-ward u qalb il-fwieħa u l-inwar dik it-tfajla godlija kienet tħoss il-qalb tagħha tħabbat f'għaxqa ta' ħlewwa u ta' faraġ.

F'salib it-toroq, ftit bogħod mir-razzett tal-barba ta' Lieni, kien hemm niċċa tal-ġebel bi xbiha tal-Madonna ġewwa fiha. Dik in-niċċa mibnija mingħajr reqqa ta' sengħa fuq ħajt tas-sejjieħ, ma kinetx imżejjna bi tlellix jew b'tinqix żejjed, iżda ġewwa fiha kien hemm statwa tal-Madonna bil-Bambin li tiġbed il-qlub ta' dawk kollha li jħarsu lejha. Dik ix-xbiha tal-Madonna kienet tidher li kienet maħduma minn id li, għalkemm ftit im-ħarrġa fis-sengħa, kienet imqanqla minn ħrara ta' l-aqwa qima u mħabba; il-kisra ħelwa ta' għajnejn dik l-Omm u t-tbissima ferriħija fuq xuftejn Binha kienu jnisslu għaxqa ta' barka u ta' sliem fuq il-bdiewa li kull meta jgħaddu minn hemmhekk kienu jikxfu rashom u jgħidu *Sliema*; u fl-aqwa tas-sajf, meta x-xemx tkun tisreġ fuq dawk l-inħawi u fil-qieraħ tax-xitwa waqt li l-bard ilanġas u x-xita tinżel bil-qliel, dik il-ħarsa li ssaħħar u dik it-tbissima tal-ġenna qatt ma naqsu li sabbru l-dawk ulied ir-raba' u għamlulhom il-ħila biex ma jaqtgħux qalbhom fil-ħidma jiebsa ta' kulljum.

Minn ċkunitha, Lieni ħasset ġibda qawwija lejn dik il-Madonna bil-Bambin, ġibda li maż-żmien tkattret u sseddqet f'imħabba kbira; kull jum hija kienet tersaq lejn dik in niċċa u, miġbura fiha nfisha, tiftaħ qalbha ma' dik l-Omm tal-Ħniena; fil-

hena u fid-dwejjaq, fin-niket u fil-ferħ dik it-tfajla ħorra kienet tfittex dik l-Omm ta' kull Mogħdrija biex taqsam magħha dak kollu li kienet tħoss f'qalbha. Kull fil-għodu Lieni kienet drat tiġbor ħodon ward, tqassmu fi kwies tal-fuħħar u żżejjen bihom dik in-niċċa, imbagħad kull fil-għaxija kienet ukoll tieħu ħsieb tixgħel il-fanal ta' quddiem il-Madonna, u barra dan, ma' tul il-jum, kull darba li kienet tgħaddi minn quddiem dik ix-xbieha ta' Omm Alla, dik iż-żagħżugħa kienet tieqaf u ssellem bil-qima kollha.

Hekk Lieni kibret u saret xbejba tbiegħ is-saħħa u tgħaxxaq bi ġmielha, miġbura fir-razzett tal-barba tagħha, mehdija fix-xogħol tar-raba', b'qalbha safja minn kull qerq u b'moħħha ħieles minn kull frugħa tal-ħajja.

***

Imbagħad bdiet il-gwerra u l-qasam tal-barba ta' Lieni ħaduh is-suldati biex waqqfu fih batterija tal-kanuni kontra l-ajruplani.

Lieni li kienet imdorrija taħdem minn tlugħ sa għab ix-xemx, iddejqet ma tagħmel xejn u biex tgħin lil barbitha li issa safa mingħajr feles raba' kif ukoll biex ma tibqax titlajja, marret daħlet man-nies il-Belt.

Il-ħajja tal-belt, kollha għaġla u kollha frugħa, kienet ħajja ġdida għal Lieni; dik it-tfajla tar-raba' għal-ewwel tħawdet u nfixlet b'dak it-tlellix u l-għagħa u l-wiri ta' ħaġa b'oħra li sabet il-Belt; hi ma kinetx taf iġġib ruħha bl-irqaqat kif jitlob id-dmir ta' seftura, l-imġiba tagħha kienet daqxejn għafsija, titgerrex malajr u tinfixel għal kull xejn. Is-sinjuri li daħlet magħhom Lieni, kienu nies jagħmluha tajjeb u għonja; jafhom kulħadd u kienu jridu li s-sefturi jżommu ruħhom sewwa kif għandhom ikunu.

Lieni mliet rasha meta ġagħluha twarrab il-għonnella u libbsuha libsa qasira sewda b'fardal abjad illamtat u iebes qisu kartun, qegħedulha kappun abjad f'rasha u xeddulha żarbun bit-takkun għoli f'riġlejha, iżda mbagħad bejn li kellha ħajra biex titgħallem u bejn li ma ridetx titlef il-post imħallas tajjeb, hija meddet għonqha biex titħarreġ u tidra jġġib ruħha bħan-nies tal-belt; bdiet tersaq lejn il-mera, tieħu ħsieb xagħarha, tinqeda bil-fwieħa u tagħmel it-terra f'wiċċha, imbagħad għamlet ħabiba mal-ħajjata u bdiet tħabbel moħħha fuq il-moda, saret taf titkellem bħan-nies tal-belt u kultant kienet iżżellaq xi waħda bl-Ingliż; fuq kollox Lieni bdiet tagħmilha ma' qaddejja oħra u, dak li hu agħar, toqgħod għal li jgħidulha.

Għall-ewwel dik it-tfajla ta' qalb ħorra kienet tħossha tistħi minna nfisha u ruħha kienet tniggiżha għal dik il-frugħa, iżda hi kienet isserraħ il moħħha billi taħseb li dak kien għall-aħjar tagħha. Wara dan, lil Lieni beda jiġiha ħelu tilbes sabiħ u tiżżejjen u toħroġ ma' sħabha timxi fit-toroq u n-nies iħarsu lejha donnhom jitgħaxxqu bi ġmielha u aktar ma tara ruħha tingħoġob aktar dik it-tfajla bdiet tieħu rasha u taħli żmien fiċ-ċajt; intilfet wara t-tlellix u ttajjret wara l-ilbies.

Fi ftit xhur li damet il-Belt dik it-tfajlan bidlet bħal-lejl minnhar u kieku raha xi ħadd mir-raħal ma kienx jagħrafha; madankollu hija kienet tagħmel minn kollox biex tinsa t-tifkiriet ta' tfulitha, mellet il-għonnella, ma baqgħetx tmur tara l-barbitha u bdiet taħrab in-nies tar-raħal u tfittex il-ħbubija ta' dawk ta' l-ibliet, f'lok Lieni bdiet tissejjaħ Helen u flok "Saħħa!" bdiet tgħid "Cherrio!", u biex ma tibqax lura hija qatgħet xagħarha u mewwġitu u nnukklatu għand il-parrukkier, żebgħat difrejha, sewwiet ix-xagħar ta' għajnejha, ħammret xuftejha u lewwnet ħaddejha.

Helen ħalliet minn seftura u daħlet f'ħanut tal-modi, biex wara x-xogħol ikollha rajha f'idejha u tkun tista' tmur fejn trid u tagħmilha ma' min trid; u ħbieb ma kinux jonqsuha, l-aktar fost iż-żgħażagħ li kienu mtajjrin għal warajha; hija kienet toħla għal ħmerijiet li kienu jsefsfulha f'widnejha ħafna ġuventur moħħhom fuq il-werqa u ġralha bħal wied għan-niżla aktar ma tiġġerra aktar tintelaq; insiet il niesha, insiet il-ġibdiet ta' żgħuritha, għamiet wara l-frugħa u nkarmet għal hejm ta' bla siwi.

Helen rabtet qalbha mal-Belt u anqas meta ġew il Ġermaniżi u ħallew warajhom ħerba li tbikki ma ċċaqalqet minn hemm; ħafna min-nies tal-Belt ħarġu joqogħdu f'irħula, iżda hi ġarret sodda fil-mina tal-ferrovija u bdiet tmur torqod għal-kenn hemm ġew, u aktar ma tbattlet il-Belt, Helen aktar sabet ruħha tajjeb għax anqas nies kien baqa' li jerfgħulha salibha.

Dik il-ħabta Helen bdiet tagħmilha mas suldati Ngliżi li l-Belt kienet miżgħuda bihom. Huma kienu jmorru jistennewha toħroġ mil-ħanut u mbagħad jeħduha għat-tè jew għat-talkie, jew għaż-żfin u hekk kull fil-għaxija, mitlufa f'sakra ta' hena u tgawdija, kienet tinsa l-hemm tal-ħajja u l għawġ tal-gwerra u tati ruħha għax-xalar u tintilef fiċ-ċajt, fid-daħk u fit-tbahrid.

***

Lejla waħda wara li damet ħafna ticċaċċra ma' ħbiebha, Helen kienet sejra tinġabar biex torqod fil-mina tal-vapur u kellha magħha biex iwassluha tliet Artellieri Ngliżi; malli ħarġu

minn fejn kienu jiżfnu, daqq *air raid* u kulħadd raġa' daħal ġewwa.

Dak il-ħbit mil-ajru ma damx wisq, instama' ftit sparar u nħassu xi bombi jaqgħu, iżda ma kienx hemm biża' kbir u kif kienu fil-ħanut it-tliet Artillieri, biex ma jibqgħux ma jagħmlu xejn, xorbu xi erba' grokkijiet sewwa, hekk li meta ngħatat l-aħbar li l-ajruplani tal-għadu kienu għaddew, dawk it-tliet Ingliżi ħarġu mlaħalħin u mċaqalqin. Helen riedet teħles minnhom, iżda huma ma ridux jitilquha u kellha titqanna bihom sakem iwassluha sal-mina fejn kienet torqod.

Huma u sejrin, is-suldati bil-għajjat u d-daħk tagħhom qajjmu t-triq mnejn għaddew; wieħed minnhom kien meħud sewwa bix-xorb u beda jixxengel minn ħajt għal ieħor; meta ġew f'salib it-toroq lemħu fid-dawl ta' qamar, bħal flixkun *termos* mixħut fl art; dak li kien fis-sakra malli rah għajjat: "Min irid flixkun għal misħun tal-ponċijiet !" u bla ma qiesha darbtejn mar u tah daqqa ta' sieq.

Mad-daqqa ta' sieq dik il-balla taħt għamla ta' flixkun splodiet; is-suldat tar u waqa' mtertaq u sħabu ndarbu bl-ikraħ. Helen ħasset nigża ta' ħruq kbir f'ġenbha, werżqet b'uġigħ liema bħalu u minnufih instabtet ma' l-art mitlufa minn sensiha u magħrgħra f'għadira demm.

It-Tabib ta' l-isptar fejn ħadu l-Helen, malli raha qarras wiċċu, kemmex xuftejh u ċaqlaq rasu, imbagħad dar lejn l-istudenti li kienu ma' dwaru u qalilhom: "Daħlitilha laqxa ta' balla fil-pulmun; ikollna noperawha biex inneħħiulha din il-laqxa, iżda l-aktar li nibża' minn xi tinġiża fil-pulmun u d-deni li jista jiġi wara."

Lil Helen qalgħulha l-farka tal-azzar minn ġewwa l-pulmun, imma, kif kien baża' t-Tabib, wara tliet ijiem qabditha tkexkixa ta' bard qawwi, snienha bdew iċekċku, talagħilha d-deni, wiċċha tfawwar u ħasset dwejjaq tal-biża', għajnejha ħmaru u nkisru u rasha riedet tinqasam, imbagħad ħasset uġigħ kbir man-nifs u ma setgħatx titqalleb.

Dik it-tfajla, li ftit qabel kienet tgħaxxaq bi ġmielha, issa kienet iġġib ħasra lil kull min jaraha: f'jumejn inxtorbot u tbielet, wiċċha nsibek, għajnejha ntfew, xufftejha jirtogħdu, riġlejha u idejha merħijin b'telqa tal-mewt u n-nifs teqel; imbagħad bdiet tintilef u thewden. Wara dan, il-marida qalbet għal agħar u t-tabib wissa lil-infirmieri biex ma jħalluhiex weħidha.

Darba bil-lejl, meta kienet waslet fl-aħħar, lil Helen tatha taqliba kerha, naqasha n-nifs, wiċċha tfawwar, għaraq kiesaħ

xaqq fuq moħħa u bdiet tokrob u tħewden; is-Soru tal-għassa resqet maġenb is-sodda tal-marida, sqietha mgħarfa duwa, żegħlet biha, mesħetilha l-għaraq minn fuq ġbinha, mellsetilha xagħarha u daret biha mill-aħjar li setgħet, imbagħad biex tagħmlilha l-ħila qaltilha f'widintha :-

"Binti, taqtax qalbek, itlob lil Madonna tgħinek."

Għal dawk il-kelmiet Helen f'daqqa waħda reġgħat ġiet f'sessiha, wiċċha ħa d-dawl, għajnejha xegħlu, tbissima ta' hena feġġet fuq xufftejha u tqanqila ta' faraġ u ta' serħ donnha ġriet ma' ġisimha kollu; refgħet bil-qajla idha fuq moħħa donnha ftakret fil-ġrajja ta' tfulitha u minnufih xuftejha bdew jirtogħodu u d-dmugħ beda jġelben minn għajnejha imbagħad bexxqet fommha u lissnet talba maqlugħa minn qiegħ qalbha:-

"Madonna tan-Niċċa tar-raħal tagħna, għaxqa ta' tfuliti! aħfirli għax tbigħedt minnek, arġa' ressaqni lejk, farraġli l-qalbi bħal fl-imgħoddi bit-tbissima ħelwa ta' fommok u iġborni miegħek!"

Iżda kien għadu ma wasalx iż-żmien biex il-Madonna tiġbor magħha l dik it-tfajla sogħbiena. Wara dik it-taqliba Helen intelqet f'nagħsa ħelwa li serrħitha ħjietha u wettqitha m'hux ftit; baqgħet rieqda l-lejl kollu u filgħodu meta stenbħet kulħadd stagħġeb fuq kif dik il-marida stejqnet u għaddiet għall-aħjar hekk malajr.

Meta t-tabib mar jagħmel iż-żjara u sab lil Helen hekk tajba, qal: "Għaddietha l-kriżi," iżda hi waħħlet f'moħħa li l-Madonna riedet tkun biex ħelsitha mil-mewt u meta fieqet u ħalliet l-isptar ħarġet minn hemm bħala Lieni tar-raħal u miftuma minn kull ġibda għal-ħajja fiergħa tal-ibliet, baqgħet sejra lejn il-qasam ta' barbitha, ġabret ħodon ward tax-xagħri u bħal fl-imgħoddi, marret qegħeditu f'riġlejn il-Madonna tan-Niċċa.

ĠUŻÈ GALEA.

# FTAKART....

"*Ave Maria gratia plena...*" Ilħna li stħajjilthom ħerġin minn fomm xi kori ta' Kerubini moħbijin fl-inċens li beda jogħla, jitgerbeb, dwar it-tabernaklu, bdew, b'dik il-ħlewwa tal-ġenna, flimkien ma' dik il-kisra tal-vjolini, ilissnu l-Ave Marija ta' Gounaud.

Kollni miġbur, waħdi, f'rokna tal-knisja, ħosbien, dawk l-ilħna, dak id-daqq, bdejt inħoss lil qalbi tħabbat, tħabbat.... għax dik id-dehra.... dik id-dehra stħajjiltha tassew xi dehra tas-sema. F'daqqa waħda, mix-xfar ta' għajnejha qabżet demgħa li għal ftit ħin dalmet id-dehra mifruxa quddiemi, qalbi bħal donnha għaġġlet fit-taħbit tagħha, u nifsi qiesu nqata'.... għal ftit ħin biss... Minn naħa tal-kor, l-ilħna u l-mużka qasmu l-ħemda li wqajt fiha.

"...*Dominus tecum; benedicta tu in mulieribus!*" F'dak il-ftit ħin biss, ħsiebi tar lura għal żmien il-Ħolm u l-Ħlewwa tal-Ħajja. F'dak il-ftit ħin biss, ftakart...

...Dawk l-għajnejn imsammrin fuqi, b'dik il-kisra fihom, b'dak id-dmugħ iqattar u jġelben minnhom għal fuq ħaddejha, dawk ix-xofftejn żgħar, li, kemm kemm jitħarrku, kienu jlissnu bl-akbar ħlewwa u kisra ta' leħenha, ħaj u għasli, il-kelmiet sbieħ ta' l-Ave Marija, waqt li bil-ħeffa u l-ħeġġa tagħha, kienet triegħed b'subgħajha l-kordi tal-pjanu.... wiċċha !.... leħenha !.... tagħha !... Ta' min?—ta' ħajja ħelwa, żgħażuha,.... li m'għadhiex !

Għal ftit ħin, biss, ftakart! Ah! xi dwejjaq ħassejt f'dak il-ftit ħin, f'dik il-ħolma tal-biża' għal qalbi żgħażugħa, f'dak irriefnu qalil ta' ftit ħin biss, li kien qaċċat darba għal dejjem il-blanzun li fetaħ ifewwaħ ma' ġenbi, il-hena—Marija !

"*Et benedictus fructus ventris tui, Jesus....*" Imma dik ixxbieha, dak il-wiċċ, dak il-leħen, dawk l-għajnejn kbar u suwed, daħkanin, dak ix-xagħar imdieheb, donnhom ma riedux jitilqu mill-qabda li qabdu ma' ħsiebi. Donnhom kienu jridu jiġbduli lill-ruħi.... 'l barra.... fil-għoli, fil-ħemda, fil-fwieħa, qalb ilħna u daqq, qalb ġilji u ward, lejn l-imkien fejn hemm faraġ, ħlewwa, għana, u mistrieħ għar-ruħ.

"*Sancta Maria! Maria! Maria!........*"

U dak l-Isem ħelu dewa, dewa f'widnejja; dak l-isem ħelu riegħdni, qajjimni, ġegħelni nsamma' leħni, li, b'għajta mriegħda, b'demgħa f'għajnejja, u b'qalbi ttaqtaq bla hedu,

għaqqadtha ma' dak fi kien ġej, riesaq, lejn fejn kont jien min-naħa tal-kor, "*Maria* !"

Ftaħt għajnejja. Id-dehra li kien hemm mifruxa quddiemi kienet tassew tas-sema, bdejt nistħajjel li qalb id-dħaħen ta' nċens li bdew telgħin ma' dwar it-tabernaklu, kont qiegħed nilmaħ qtajja qtajja ta' Kerubini, jittajru, jduru dwar it-Tron tas-Sid, u, donnu biex aktar nitħasseb jekk kinetx xi ħolma, tidwi f'widnejja, bl-akbar ħlewwa u kisra, l-aħħar kelma, "***Amen***...*!*"

G. Micallef Rigaud.

# Lit-tempju ta' San Ġwann

Rajtek, San Ġwann tagħna,
Sabiħ fil-festi mżejjen,
Mimli sa ġo l-irkejjen
B'ħlejjaq ta' nies ferħana.

Qisek tal-fidda rajtek
Fis-skiet ta' dawl il-qamar;
Ħarstek tnissel is-sabar
F'min lilek jara hekk.

Rajtek f'Għid-il-Ħamsin
B'ġemgħat ta' nies quddiemek
Mita r-Ragħaj tagħna jbierek
Lill-Belt u lill-Maltin.

Iżda isbaħ qatt ma lmaħtek
Minn f'dak il-lejl ta' mita
Ta' bombi l-għadu xita
Xeħet biex jagħleb saħtek.

U int bqajt wieqaf qisek
Xi sur li ħadd ma jwaqqa' !
Ħallih ir-riefnu jfaqqa' !
Ja għadu aqta' jiesek ;

Għax fuq San Ġwann hemm xbiha
Ta' Kristu li salvana.
Nittamaw jieqaf magħna
Sa tfeġġ tar-rebħa d-dija.

E. Agius

# Xi Tfisser il-ħidma għall-Malti

*(Taħdita minn fuq ir-Rediffusion taħt it-Tmexxija tal-"Għaqda tal-Malti Università,")*

Wasal il-jum wil-waqt li nieqfu ftit u naraw x'inhi din il-ħidma ħabrieka għall-Malti. Ilna naqrawlkom issa għal għaxar xhur sħaħ u nisthajjilkom tgħidulna: "Dan kollu għalfejn? X'aħna nieħdu minn dan kollu?" Nagħidirkom, għaliex naħseb li bosta minnkom għadhom ma fehmux x'iġifieri l-Moviment tal-Malti li issa ilu joħodha kontra l-mewġ għal 150 sena. Fl-imgħoddi, u issa, kien hemm min mar kontrina għal waħda minn dawn ir-raġunijiet: 1) jew għax dejjem ħaseb f'rasu biss; u l-Moviment tal-Malti huwa demokratiku mill-qiegħ, 2) jonkella għaliex ma fehmuniex 3) jonkella għaliex kien biered u l-ikbar trux dak li ma jridx jisma'. Issa naraw fuq fuq x'inhi sewwa u xi tfisser din il-ħidma għall-Malti.

Fl-1796, fil-Prefazzjoni għall-Lexikon tiegħu, Vassalli ħeġġeġ il-Maltin li jneħħu minn quddiem għajnejhom "il-għamad li sa dak iż-żmien, għal bżonn kbir, xekkilhom." Wissa sabiex il-Maltin jagħmlu f'rashom darba għal dejjem li jxerrdu d-dlamijiet bħalma s-seklu ta' dik il-ħabta wir-Raġuni sħiħa ta' dak iż-żmien kienu għarfu jxerrdu d-dlamijiet ta' l-injoranza, jiksru l-ktajjen tal-fehmiet ħżiena u ta' ħsara; jitturufnaw darba għal dejjem dawk l-abbużi li lejhom kellhom qima kbira billi flokhom idaħħlu drawwiet ġodda u tal-ħaqq, jinġiebu u jitfasslu sistemi ġodda u għaqlin u titneħħa minn ġewwa fihom kull biża' ta' riħ kuntrarju kif huwa stess fil-bidu ta' dak ix-xogħol kien biegħed minnu kull xkiel u biża' ta' tmegħir. Minn dan il-kliem nieħdu li l-ħsieb kien mhux biss li jitrawwem ilsien Malti, iżda wkoll li titjieb il-qagħda ġewwinija Maltija. L-Ilsien Malti, li huwa qadim, jixhed il-ġrajja mqallba ta' Malta u fih insibu l-fdalijiet ħajja tal-ġnus li ħakmuha. Dan l-Ilsien kien mitluq u mistmerr, u l-ebda Malti, ħlief Vassalli u De Soldanis qablu u ftit oħrajn, ma qatt tahom li jistudjawh. Aħna l-Maltin għandna nħammru wiċċna bil-mistħija quddiem id-dinja kollha meta naraw li l-aħjar studji fuq il-Malti ma nkitbux mill-Maltin, barra xi waħdiet, iżda mill-barranin bħalma huma Gesenius, Noldeke, Stumme, Sutcliffe, Bonelli, Dessoulavy wil-bqija. L-istudju tal-Malti ma jfisserx, u qatt ma fisser, twarrab ilsna oħra: "Ħobb, jekk jiswewlek, l-ilsna barranija, iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa." Aħna neħtieġu ilsna oħra, imma qatt ma għandna nħallu 'l dawn joħonqu u

joqtlu l-Malti. Il-Malti x'jirbaħ għandu minn Ilsna oħra. Zewġ fehmiet għandna quddiemna: waħda li ġġegħilna nrawwmu l-Malti għalih innifsu u l-oħra tħajjarna nkabbruh biex ninqdew bih għall-mixi 'il quddiem ta' pajjiżna.

L-Ilsien ta' Nazzjon huwa l-għelm tagħha. Il-Banchi, fil-ktieb tiegħu "La Vita Sociale" kiteb: "Billi l-Ilsien ta' nazzjon ifisser il-ħsieb wil-ħsus tagħha, huwa magħdud bħala l-għelm ta' dik in-nazzjon."

L-ilsien huwa l-għaqda bejn in-nies ta' l-istess ġens. Il-Malti hu li jżomm magħquda flimkien il-Maltin imxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Barra dan aħna nafu li hi saħta ta' ġnus żgħar li jbatu b'dak li l-Ingliżi jgħidulu *inferiority complex*, jiġifieri dik il-ġibda żejda għal ħwejjeġ barranin u mistħija, bid-dieher jew minn taħt, għal dak kollu ġewwieni. Minn hawnekk ġejja din l-istmerrija li għandna għall-Malti. Minn dan ġej il-bidu ta' dik ix-xewqa li ndaħħlu bl-addoċċ id-drawwiet wil-ħsebijiet tal-barranin bla ma nqisu xejn. Din hija l-ġibda li mħabba fiha ninżlu għarkubbtejna, biex ngħid hekk, quddiem il-barranin, ikunu min ikunu, u x-xebba Maltija tiġġerra mat-toroq malli tilmaħ erba' buttuni tar-ram u biċċa uniformi. Jekk aħna nibdew biex natu kas ta' lsienna, naraw x'hemm moħbi fih u x'jgħallimna, nibdew inħarsu lejna nfusna mod ieħor. Il-kuxjenza tagħna bħala Maltin tqum minn ngħas u mill-għajb u minn dak il-ħin stess inħabirku biex ngħaddu 'l quddiem. Il-ġrajja tal-Malti għandha timlina bil-kburija meta nqisu kif dan id-daqxejn ta' Lsien, imkasbar, mistmerr, imwarrab, baqa' ħaj s'issa, bla ma nxtorob minn ilsna ħafna akbar minnu li mess magħhom. L-Ilsien Malti hu fih innifsu monument tal-ħajja Maltija fost il-faqar u t-tbatija ma' tul l-istorja. Dak il-ħin stess li nicħdu lsienna aħna ninqerdu bħala Nazzjon u ninxtorbu minn ġnus akbar minna u nitilfu l-individwalità tagħna. Mhux hekk biss. L-ilsien jaqdina biex nibnu letteratura għalina. Nazzjon mingħajr il-poeti tagħha, tfisser nazzjon mingħajr idijal u fejn m'hemmx idijal il-ġnus jispiċċaw—"*Where there is no vision, the people perish,*" insibu miktub fuq ir-ras tar-rivista Ngliża *The Poetry Review.*

L-Ilsien Malti jaqdina għal ħaġa oħra. Meta nkunu għarafna lilna nfusna, aħna nibdew biex nistagħnew. Dan irridu nagħmluh bil-Malti. Fl-1850 Rev. Kan. Fort. Panzavecchia stqarr: "Billi l-Maltin huma n-nazzjon waħdieni fl-Europa li jitħaddet b-ilsien u jikteb b'ieħor, jista' wieħed jistqarr li ħadd ma jista' jistenna li f'Malta t-tagħlim jimxi 'l quddiem jekk ma jibdiex billi jkabbar Ilsienu." Mela skond Panzavecchia it-tagħlim tal-Malti hu meħtieġ għal kbar u għaż-żgħar. Ngħidu xi ħaġa dwar il-kbar, u hawn jeħtieġ li wieħed jitħaddet ċar u tond. F'Malta fis-seklu għoxrin għad fadal għadd kbir ta' nies li

lanqas jafu jaqraw. Ta' min hi l-ħtija m'għandniex x'naqsmu magħha; biss hekk hu. Issa 'l dawn x'se nagħmlu biex nagħllmuhom dak li jeħtieġu ta' malajr? Il-Malti hija l-għodda. Bil-Malti rridu nxerrdu mil-ġdid it-tagħlim reliġjuż li ġmielu sejjer lura bħal granċ Fl-imgħoddi r-Reliġjon kienet il-ħajja ta' Malta, issa sejra lura. Dan kollu ġej għax m'hawnx tagħlim. Bil-Malti rridu nagħllmu l-ħaddiem Malti kif iġib ruħu quddiem it-theddid ta' teoriji soċjali qarrieqa li wara l-gwerra għad jibdew ifaqqsu bħan-nemel. Jeħtieġ nuruh sewwa xi dmirijiet għandu u x'jeddijiet jistħoqq. Ngħallmuh l-imħabba u l-ġibda għax-xogħol u għal familja. Nuru l-bdiewa tagħna l-kixfiet tal-għaġeb tax-xjenza biex ħidmiethom teħfief. Infiehmu sewwa l-liġijiet li l-Gvern joħroġ għall-ġid tagħna stess. U fuq kollox nitgħallmu sewwa x'inhuma d-dmirijiet ta' ċittadini li aħna. Ħafna Maltin kienu jmorru jivvotaw wieħed wara l-ieħor bħal ma n-ngħaġ jimxu waħda wara l-oħra, l-anqas biss jafu jaqraw il-lista ta' l-ismijiet tal-kandidati. Dawn in-nies imsejkna jibilgħu kollox. Jemmnu l-wegħdi li jagħmlulhom u jmorru jivvotaw. Jeħtieġ li nuruhom x'ifisser il-vot. Nuruhom kif jagħżlu l-karfa mill-qamħa Hekk biss nistgħu nistennew il-progress ta' Malta. Biex iseħħ dan jeħtieġ ġurnaliżmu tajjeb u qawwi f'idejn imħarrġa u mgħallma. Ġurnaliżmu ta' din ix-xorta nittamaw li għad ikollna kif jispiċċa dan it-taħwid. Diġa qegħdin naħsbu fih: ġurnaliżmu li jilqa' l-fehmiet ukoll ta' dawk li ma jaqblux miegħu.

Iżda ssib min jgħidlek "il-Malti fqir wisq; kif jista' jkun jaqdina f'dan kollu?" Min igħid hekk ma jkunx qed jagħmel ħaġa oħra ħlief bħal dak li jkollu xitla u ma jsaqqihiex u jittenna l-frott. Jekk aħna qatt ma ħadna ħsiebu kif jista' ikun li l-Malti ma ftaqarx? Madankollu l-Malti baqa' ħaj u għadna nistgħu ninqdew bih sewwa. X'jista' wieħed jikteb bil-Malti wrejniekom hawnhekk stess. It-tabib Bonnici ħaddmu fix-Xjenza. A.Cremona fit-traduzzjonijiet tekniċi. Dun Karm fil-Poeżija. Mela nqumu minn ngħas. L-ewwel ġlieda rbaħnieha u hekk nirbħu kull għawġ li jista' jinqala'. Inneħħu minn rasna il-ħmerijiet u ma nħambqux iktar jekk il-Malti hux djalett jew lingwa bla ma nafu ngħidu x'inhuma. Nagħmlu għodda minn ilsienna sabiex bih nibnu Malta ġdida. Poplu njurant malajr tifirdu u tbellgħu kollox; mhux hekk meta jkun imrawwem fit-tagħlim. Ma ninsewx li l-għerf hu qawwa. L-ilsien huwa għodda; hu l-musbieħ li fih titwaħħal il-ftila mixgħula kontra d-dlamijiet tal-injuranza. Fi ġnus imgħallma ma jkunx hemm ċittadini deġenerati bħal ma għandna ħafna fostna. Qumu u neħilsu mill jasar spiritwali li qed igħarraqna. Kemm sa ndumu ma niftħu għajnejna għall-qawwa ta' lsienna bħala għodda tas-soċjetà Maltija? Il-barranin

għarfu din is-setgħa u l-B.B.C. wir-Radjo Roma qegħdin jinqdew bih biex jilħquna. Il-patrjott mhux dak li jiftaħar bli għamlu ta' qablu. Min iħobb 'l artu jeħtieġ jaħdem għaliha u ma jibdilha ma' xejn u ma' ħadd. Għalhekk aħna nistennew li ż-żgħażagħ Maltin iwieġbu għas-sejħa li għamilnielhom biex igħinuna fix-xandir ta' dawn il programmi.

K. Sant.
(Student tat-Teoloġija).

31/10/'41

# TWELID IL-GĦANA

Lill-Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

Int li ħajjartni biex inxettel ħsiebi,
u 'l qalbi, sa ma ktibt, mhux ftit qawwejtli,
ilqa' bil-ferħ mill-ewwel frott li ssajjar,
li qtajt mix-xtieli sbieħ li tant saqqejtli.

***

Kemm kienu sbieħ l-ewwel sigħât ta' ħeġġa,
li fawru 'l demmi biex inħobb il-għana!
Niftakar li ħassejt bħal rogħda f'qalbi
tbaqbaq bil-ferħ kif bdiet tinfexx setgħana.

Minn dak iż-żmien bdejt noħlom: bdejt inxebbaħ
kull ħlejqa ma' xbieat bis-sħab mgħottija;
u rajt saltna oħra, li issa twaħħlet miegħi,
tinfirex kollha lwien, b'kull ġmiel mogħnija.

Bdejt nilmaħ dehra ġdida li ssaħħarni:
fil-warda mċaħħda miż-żegħil ta' jdejna,
fil-beraħ tas-smewwiet kaħlana, mtabba'
biċ-ċfuf ta' ftit tajjar li tar minn ħdejna.

Sirt nagħraf qlub in-nies: kemm rajt, jaħasra,
uċuħ xebgħin bid-dmugħ, li bi tnehidhom
urew kemm xtaqu jfissru xejriet qalbhom!
Hekk igħixu ulied-il-għana minn twelidhom.

Fran. Camilleri
(Student tat-Teoloġija).

# IL-BIŻA' TAL-MEWT

## (TAĦDITA)

*Senes*: X'għandek, o Juven, titniehed minn qalbek u titwarrab minn-nies donnok tixtieq tkun waħdek biex tibki? O Juven, jekk id-dmugħ iħaffef uġigħ il-qalb sawwbu fuq ħaddejk w it-toqol ta' qalbek isir jiżen inqas fil-keffa tan-niket iswed. Qasira l-ħajja u bħall-għoljiet tal-Gżejjer tagħna mħattba, u bħal widien mimlija għollieq u bħat-triq ta' sqaq mingħajr xita mimlija ħurrieq. O Juven, kemm se ssibha iebsa l-ħajja jekk ma tasalx biex tirbaħha b'moħħok u tħalli l qalbek tilagħbek!

*Juven*: Int qed tgħid is-sewwa, O xwejjaħ! Qalbi mimlija niket u fuq sfuret wiċċi l-biża' xeħet il-kefen ta' swied il-qalb. O ħeġġa għall-imħabba u għall-għamil u ħila għall-ħajja, kif malajr ħallejtuni! Għadni daqshekk żgħir u ġa tlift il-fiduċja fil-ħajja. Għidli, ja xwejjaħ, int li għext aktar minni u taf iżjed x'tati d-dinja, kif nista' nasal biex nirbaħ il-ħajja w mal ħajja l-biża' wid-dwejjaq tagħha?

*Sen:* Il-ħajja tirbaħha bil-mewt!

*Juv*: Bil-mewt, O xwejjaħ! L-għerf tiegħek huwa l-għerf tax-xaba'; bħal min kiel u xorob u mbagħad qal lill-miġwieħ "la tikolx u la tixrobx". Tassew li jien imdejjaq bil-biża' li ġġerri magħha l-ħajja bħal ma sħaba ġġerri dellha wrajha imma jien għadni lanqas qbadt sewwa ma' għonq l-imħabba biex nixħet xuftejha taħt fommi u nsoff minn ghandha l-hena bħal ma naħla ssoff l-għasel mill-warda. Ja xwejjaħ, int titħaddet hekk għaliex issa qalbek xjieħet għall-ħeġġa u għall-imħabba. Int bħal stonku xebgħan li jgħid liż-żaqq battala: "la tiekolx għax l-ikel jgħabbi l-istonku!"

*Sen*: Mingħalija, ja żagħżugħ, għadek kemm saqsejtni kif tista' tirbaħ il-ħajja għaliex id-dwejjaq tagħha qed jifnuk?

*Juv:* Qed tgħid sewwa! Qed tgħid sewwa! Jiena ġa ħbatt nitgħannak mal-ħajja, imma l-bewsa tagħha flok hena ġabitli barxa fil-qalb. Ara s-sfura ta' wiċċi bid-dehxa wil-qatgħa għal-għarrieda għax għadni ma rridx nemmen li dak li darba ħlomt li se nsib f'dil-ħajja bħalma huma Ġustizia, idijali, imħabba ma kinux ħlief xewkiet moħbija fil-qalb. Għadni ma nistax nemmen li għalxejn kien iż-żejt li ħlejt fl istudji; għalxejn il-pjanijiet ta' ħidma, għalxejn ix-xewqa tal-ġieħ la kollox hu gidba. Kif ma jisfarux ħaddejja meta niftakar li ilni żgħużiti naħdem biex nara gidba sseħħ taħt għajnejja! Ma baqali

ebda wirt ieħor ħlief il-mewt, wil-biża' tal-mewt ikessaħli demmi.

*Sen*: O Juven, jekk int trid tgħix tassew eqred il-biża' tal-mewt. Jien ingħidlek li l-aqwa ħaj hu l-mejjet għax dan, bħal min daħal f'nagħsa twila mingħajr ħolm, ma jagħmilx bih il-biża'.

*Juv*: O Senes, jekk tassew il-mejjet aħjar mill-ħaj għax ma jagħmilx bih il-biża', mela aħjar il-mewt mill-ħajja. Imma jiena għadni żagħżugħ wil-mewt nibża' minnha aktar mill-ħajja għalkemm din taħqarni minn fil-għodu sa fil-għaxija bil-biża' ta' ħwejjeġ koroh. Mela miktub għalija li jiena nibqa' mxabbat mal-ħajja u nitniehed, niddejjaq u ndejjaq lil għajri. O li kieku kelli l-ħila nixtieq il-mewt u nidħol bħal wieħed li nesa d-dinja, lilu nnifsu u lil ta' ma' dwaru, f'nagħsa twila mingħajr ħolm! Il-biża' tiegħi mhux mill-mewt daqs kemm hu mill-biża' tal-mewt.

*Sen:* L-agħar biża' hu l-biża' tal-biża'! Il-biża' tal-mewt hu wisq agħar mill-mewt infisha li hi ***ħin wieħed*** fil-ħajja, daqs fetħa waħda tal-ħalq, nifs il barra, waqt li l-biża' hu l-mewt twila twila ma' snin ta' dawran l-arloġġ, il-ħalq dejjem miftuħ donnu n-nifs dejjem ħiereġ u qatt ma joħroġ. Ara kemm dan hu minnu. Dalgħodu jien iltqajt ma' ħabib tiegħi u tiegħek. Għalfejn tkun taf min hu? Ħa nsemmuh Bniedem, jien, int, l-għani wit-tallab. Rajtu għaddej mit-triq imbergħen, idejh ifertlu, jitħaddet waħdu, donnu d-deni tela' għal rasu. Saqsejtu x'kien inqalagħlu u weġibni, b'għajnejh ileqqu bid-dmugħ "Inħossni qed niġġennen; u nixtieqni niġġennen tassew ħalli ma nibqax inħoss x'qiegħed jagħddi minn għalija u minn għala l-familja tiegħi. Wieħed minn uliedi miet mgħaffeġ mill-bombi; ieħor sakran ma jridx jaf bil-familja; marti ilha s-snin marida fis-sodod. Jien bid-dijabete wil-bini li kelli mnejn ngħix iġġarrafli." Siegħa wara rajtu milqut f'nofs ta' triq minn laqxa ta' bomba. Kemm kien ħiemed u kwiet f'dik in-nagħsa twila twila mingħajr ħolm! Hu kien nesa d-dijabete tiegħu, lil martu marida fis-sodod, l-iben sakran, l-iben mgħaffeġ bil-bombi wil-bini mġarraf. Dak il-ħin daqq 'air raid' w n-nies ta' ma' dwaru telqu jiġru mejtin bil-biża' tal-mewt. Ah, imma l-mejjet baqa' hemm sfida qalbiena bil-ħila tal-mewt li tatu r-rebħa fuq il-biża' Hu biss baqa' hemm – il-mejjet; aħjar mill-ħaj il-mejjet mingħajr biża'— waqt li l-ħajjin ta' ma' dwaru ġrew bħal ġwejjef imwerwra għal ġol-egħrien ta' taħt l-art.

*Juv:* Imma sa kemm int ħaj kemm hu iebes u qalil taħkem il-biża' tal-Mewt!

*Sen*: Iebes taħkem il-biża' tal-mewt daqs kemm hu iebes jew ħafif għalik tinfired minn dak li jista' jjassar il qalbek fid-

dinja. Il-biża' tal-mewt jista' jintagħleb f'min inqas f'min iżjed kullħadd skond saħħtu. Ara x'kiteb Możart lil missieru fl-1707 meta kien għad għandu mhux aktar minn wieħed u tletin sena: "La darba kull min hu ħaj irid jasal għall-mewt, f'dawn l-aħħar sentejn jiena drajtha hekk tajjeb lill-mewt, din l-aqwa ħabiba tal-bnedmin, u ħabiba tassew, li issa mhux biss ma għadnix nitbażża' minnha imma qalbi titfarraġ biha w tistejqer."

*Juv*: O xwejjaħ, trid int mela tgħallimni li l-biża' tal-ħajja jintrebaħ bil-mewt, li għalhekk l-għoli ta' l-irdum jew inkella tal-baħar ikħal huma l-għoli tas-sellum li jilħaq sal-quċċata tal-muntanja fejn il-bniedem jibda jgħix ħieles għax ma jibqax jibża'?

*Sen*: Ja żagħżugħ twajjeb, la tifhemx ħażin it-tagħlim tiegħi. Jiena ngħidlek 'la tfittix b'idejk il-mewt għax int li ma tajtx il-ħajja lilek innifsek lanqas ma għandek il-jedd tagħti il-mewt liiek in-nifsek. Dawn iż-żewġ *fenomeni* — mewt u ħajja — huma t-tnejn f'idejn Min nissilhom imma int għandek f'idejk li tirregola l-passjonijiet li jifnu l-ħajja bħas-susa li tgħaw-war fil-egħruq tal-ħatab; w il-biża', ja żagħżugħ, hu s-susa li tgħawwar fl-egħruq tal ħajja. Ara mela x'ngħallmek "jekk trid li l-ħajja ma tkunlekx toqol kbir iż żejjed eqred il-biża' tal biża'; u la darba l-mewt hi fiha nfisha biża' eqred il-biża' tal-mewt. U dan tista' tagħmlu billi inti ma tħallix il-ġibdiet ta' qalbek jintrabtu mal-ħwejjeġ jew il-ħlejjaq ta' ma' dwarek. Jekk imba-għad il fantasija tinbxek bl-imħabba ta' mara jew l-leħħa ta' deheb u ġawhar jew bil-frugħa ta' bini u ġieħ soċjali, raż-żan lil qalbek li dejjem tilgħab mal-mewt u għidilha: "Int Fantasija, jismek Ċirċe; ix-xebba ħelwa li tgħanni sabiħ imma tibdel il-min jitħanxel f'ħoġrok f'għalla tal-ħnieżer." Mewt waħda jiena ngħallmek, imma mhux il-mewt li tinżel għaliha inti b'idejk fil-qigħan tal-baħar jew f'tiġrif l-irdum; imma l-mewt ta' ġibdiet il-qalb għall-ħwejjeġ u l-ħlejjaq kollha ta' ma' dwarek. U meta jaħkmek il-biza' tal-mewt ftakar f'dak il-ħabib tiegħi u tiegħek u li aħna semmejnieh Bniedem li meta kien ħaj kien mifni bid-dwejjaq, sakemm laqxa ta' bomba medditu ma' l-art u hu daħal bħal tarbija fin-nagħsa twila twila mingħajr ħolm. U meta l-bombi bdew jinżergħu fuq l-ibliet ta' Malta, il-ħajjin twar-rbu mwerwra ġewwa l-egħrien, imma hu baqa' hemm mimdud, ħiemed u kwiet għax hu ma kienx għadu jaf x'inhu biża'.

*Juv:* Ħares! ħares! għaddejjin l-ajruplani minn fuq il-Belt tagħna. X'għandi nagħmel? Għadni żgħir. Nibża' mmut!

*Sen:* Ninħbew ġewwa l-egħrien it-tnejn bħall-ħajjin l-oħra, imma mingħajr biża' u jekk qatt il-mewt tmidd idejha fuq spallejna ma nitbeżżgħux bħal boloh. Jewwilla l-mewt ma tridx tkun il-lum jew għada! Imma nniżżlu rasna u ngħidu: sa hawn wasalna. Dan kien miktub għalina għal-lum Hemm Fuq miljuni ta' snin ilu.

Ġ. Aquilina

# L-Għerien tal-Fatati*

*(Ħdejn il-Ballut tal-Imġiebaħ, Selmun)*

Le, mhux ta' b'xejn missirijietna ntebħu
Li fil-ħemda u fid-dell ta' dawn l-egħrien,
F'kull ħofra taħt il-blat, f'kull zokk immermer
Igħixu u jgħammru henjin magħna l-ħorsien;

Għax jiena smajthom, rajthom, bejn il-friegħi
Jixxejru mat-tixjira tal-ballut ;
Tgħaxxaqt b'leħenhom, issa hieni u ħelu,
U issa bħal karba ta' min qed imut.

U stagħġibt, u staqsejt : min jista' jfisser
L-għanja ta' ferħ u niket f'dan is-skiet ?
Wieġbu l-ħorsien : "Il-ferħ u n-niket tagħna
Jiġi u jmur mal-mewġ taż-żmenijiet.

"Inħarsu lejn l-imgħoddi, u qalbna tixgħel
Bil-ferħ għal dak in-nisel ta' l-azzar :
Għal dawk l-irġiel li għaġġbu l-ġnus b'għamilhom
U mietu l-mewt tal-martri fuq l-iswar.

"Nifirħu fit-tifkira tal-qalbiena
Ulied Malta f qalb waħda magħqudin;
U nibku meta nilmħu n-nies ta' żmienek
Bl-imrar tal-qilla f'demmhom għal xulxin.

"Illum il-ħaqq imkasbar: qed isaltan
B'ġieħ ta' qdusija dak li mhux ħlief dnub;
Illum miqjuma r-regħba, bħallikieku
Alla tas-Sewwa li jdawwal il-qlub.

"Għax ħafna jaħsbu li bil-frugħa tagħha
Tmewwet id-dinja f qalbna l-għali w l-hemm;
Jimxu fid-dlam wara tlellix qarrieqi
U ċaħdu 'l Alla, u qalbhom saret semm.

---

* Nifirħu w nirringrazzjaw lis-Sur Ġ. Zammit, B.D.; B.A. Lond.) ta' dil-poeżija sabiħa li bagħtilna. Ġorġ Zammit hu ġa magħruf fostna bħala poeta bl-Ingliż ta' ħlewwa w qawwa.

(Id-Direzzjoni)

"Kemm hu fil-għama min għajnejh għalaqhom
Għall-ġid u għas-sewwa li ma jafx bi tmiem:
Kemm hu ta' min jibkih min għamel b'sidu
Il-kobor fieragħ li m'hu xejn ħlief kliem.

"Mhux min jitħannex taħt riġlejn il-qawwa,
Mhux min l-imgħawweġ isejjaħlu dmir,
Mhux min ikasbar lil min ħniena jitlob,
Mhux min jinbiegħ bil-flus jissejjaħ kbir!

"Libbes id-dib bis-suf ta' ħaruf ġwejjed,
Libbes tallab bi ħwejjeġ ta' sultan,
U l-iblah jemmen, jifraħ, u bluhitu
Iġġiegħlu jħobb 'il dak u jqim il dan."

Żiffa ta' riħ qajmitni. F'daqqa waħda,
Għebet il-ħolma u dlonk siktu l-ħorsien.
Stenbaħt, u barra l-blat, u l-wied, u l-frieghi
Mar-riħ jixxejru, ma baqax ħlief jien.

G. Zammit

Selmun—Jannar, 1942.

# Rapport fuq il-Konkors tal-"Essays" mniedi f'"Leħen il-Malti" ta'

Għalkemm waslulna aktar minn daqshekk, mhux aktar minn tnejn u għoxrin *essay* daħlu fil-Konkors. Dawk li twarrbu kienu dawk li kisru r-regulamenti li huma meħtieġa għall-ħarsien tal-ħaqq fil-għażla tar-rebbeħin. Dawn ir-regulamenti nkisru sew għax x'uħud minflok isem b'ieħor kitbu isimhom u kunjomhom, sew għax oħrajn insew jiktbu n-*nom de plume*. Fost dawk li kienu mdaħħlin kien hemm x'uħud li bagħtu aktar minn kitba waħda u oħrajn bagħtu sew sew paġna ta' pitazz; iżda nixtiequ ngħarrfu li l-kwantità ma żiedet ebda toqol fil-keffa tal-miżien tagħna, li niżel għal-kwalità biss. Għalhekk wara li flejna u għarbilna bir-reqqa x-xogħolijiet li waslulna qtajna li nagħtu:

1) L-ewwel premju lil-*Xandir l-isem* ta' *Fra Ca*;

2) It-tieni premju l'*Il-flus u l-hena* ta' *Swing*.

Oħrajn ta' min isemmihom—u aħna nsemmuhom wara xulxin kif jibda n-*nom-de-plume* li tawna—huma: *Id-drawwa*

*tal-Laqam* ta' *Dun Ġwann*, *It-tmaqdir ta' kull ma hu Malti* ta' *Melmus*, *Il-fehma tal-ħajja* ta' *Qalb Kbira*, *Il-Gidba* ta' *Verax*, *Ċawla bajda* ta' *Ypsilon* u *Il-Ħdax ta' Mejju* ta' *Żebbuġi*.

F'*Xandir l-isem* insibu bini sod minsuġ b'materjal omoġenew u ta' saħħa, mkaħħal tajjeb. Ħaġa tajba oħra hi l-qawwa fl-istil. Iżda 'l hawn u 'l hinn xi kliem huma mtennijin wisq fil-qrib, u għalhekk mill-ħoss tagħhom titwieled kakafonija. Din mindaqqiet tgħarraq ftit il-perjodu, li l-biċċa l-kbira hu lixx u tond bħal ċagħqa. Il-kitba hi ta' xejra riflessiva.

*Il-flus u l-hena* hu eżempju ta' *essay* ċajtier, u bla toqol, għalkemm minn taħt wieħed isib illi l-kittieb mhux qiegħed jiċċajta daqs kemm jidher. Iżda m'hemmx dak in-nar li jħoll il-paragrafi biex fl-aħħar isawwru ħaġa waħda. Għalhekk dan l-*essay* tarah paragrafu paragrafu u kollox flimkien ivarja. Iżda fih insibu wkoll ħajja, ħeffa u ħila li jġagħluna naħsbu tajjeb.

F'*Ċawla bajda* nsibu ħsibijiet sbieħ u għoljin fuq *background* ta' dinja mħawda ta' lewn newtru; iżda m'hemmx kullimkien l-istess saħħa. Nġibu qudddiem għajnejna triq mhix imballta, fejn 'l hawn u 'l hinn tiltaqa' ma' xi ħofor u ħotob. Xi drabi tiltaqa' wkoll ma' xi ftit tal-prolissità: il-kitba setgħet kienet iqsar mingħajr ma titlef xejn. Iżda r-rijaliżmu ta' xi deskrizzjonijiet jolqot u s-sinċerità ta' xi biċċiet tmiss il-qalb. Hemm ukoll għali u ħasra għall-bniedem u għad-dinja, ħaġa li llum issib fil-kitba l-ġdida taż-żgħażagħ tax-xogħol fid-dinja kollha Il-kittieb il-lum iħoss ruħu responsabbli ta' kollox fid-dinja aktar mill-pulitikanti. Din il-kitba hi aktar ta' xeħta deskrittiva milli riflessiva.

Imma qabel ma nagħlqu dan ir-rapport nixtiequ ntennu li mhux kulħadd fehem tassew il-karattru tal-*essay*. X'uħud bagħtulna kitbiet li ma kinux ħaġ'oħra għajr novelli (*short stories*) Issa hu tabilħaqq li, illum fix-xejriet l-aktar aħħarin tal-kitba fid-dinja, l-aktar fi Franza u dan l-aħħar ukoll fl-Ingilterra, (araw fil-grupp tan-*New Writing*, *I have been drowned* t' H. T. Hopkinson jew *Good Food* ta' John Hampson, biex insemmu l-ewwel *short stories* li ġew f'moħħna), insibu li n-novella ħafna drabi ma turiniex iżjed nisġa ta' ġrajjiet iżda sitwazzjoni, mhux mumenti differenti li jiffurmaw bidu nofs u tmiem tan-novella iżda mument wieħed ikkristalizzat, bħal leħħa ta' berqa mwaqqfa qabel ma ntfiet; fi ftit kliem in-novella fl-aktar għaqdiet quddiemin, l-aktar wara t-teoriji psiko-analitiċi ta' Freud qiegħda tieħu xejra ta' *reportage* ta' sitwazzjoni ġewwenija, rekord ta' ġrajja fuq żmenijiet jew nies, kitba frammentarja ta' biċċa esperjenza, u mhix dejjem *storja* kif konna nifmuha qabel, rumanz żgħir.

Mela dan aħna żammejnieħ quddiem għajnejna; iżda meta il-karattru ta' novella kien jidher wisq, bħallikieku f'*Il-*

*Poplu kellu għatx kbir* ta' *Ypsilon*, kenna ta' bilfors inħallu xi kitbiet mhux ħżiena fil-ġenb. Iżda fejn in-novella ma laħqitx sviluppat biżżejjed, għalkemm għall-ewwel hekk kienet donnha bħallikieku f'*Ċawla bajda* ta' l-istess kittieb, dik il-kitba dehrilna stajna nżommuha sewwa bħala *essay*.

Barra minn dan sibna wkoll biċċiet ta' kitba li tista' tgħid huma paragrafi mislutin minn xi enċiklopedija; oħrajn riedu kieku jgħammxuna billi jsemmu ismijiet u dati. L-għerf hu differenti mill-ħila letterarja. Oħrajn fl-aħħar ikkupjaw u dan mhux xieraq. Min jikteb—u mhux ta' bilfors li wieħed jikteb—irid iżomm f'moħħu dan li ġej. Biex tikteb:

1) irid ikollok fuqiex;
2) imbagħd trid tkun tħossu;
3) imbagħad, jekk jista' jkun trid tkun taf tiktbu sabiħ u fuq kollox sewwa.

Issa mhux kulħadd jaf jew jista' jikteb sabiħ; għalhekk tajjeb li wieħed għallanqas ikollu ż-żewġ ħwejjeġ l-oħrajn meħtieġa u li dak li wieħed jikteb ikun għallanqas tiegħu. Nagħlqu billi ngħidu li stennejna għallanqas kitba waħda fuq ġrajjiet artna, dik il-barriera l-kbira li minnha għad baqa' ħafna x'jinqata'. Nixtiequ ntennu li fis-sekli kollha l-akbar kittieba ta' Malta kienu l-istorjografi, nies li f'pajjiżna, ukoll meta bnadi oħrajn ma kinux hekk, kienu aktar moħħhom f'dawk li jridu jgħidu milli f kif iżejnuħ, għax kellhom wisq x'jgħidu u ma kellhomx moħħ għaż-żina, ukoll fi żmienijiet bħas-seklu XVII. Għaliex m'għandniex inkomplu nimxu fit-triq li fetħulna u wrewna?

Ħaġa oħra ngħidu. Dawn il-kitbiet huma wisq impersunali, hemm wisq griż fihom, u diffiċili li huma jieħdu l-kulur tar-ruħ tal-kittieb. Naħsbu li dan kollu ġej mit-tabù qadim u llum megħlub kontra l-użu ta' l-ewwel persuna. Mhux biss għandkom tgħiduh dak li ġara lilkom, billi xejn ma jista' jkun aktar sinċier minnu, iżda għidu wkoll dak li ġara 'l ħaddieħor, meta jkun għadda mil-lampik ta' moħħkom, qisu ġara' lilkom stess. Hekk jieħdu sura l-persunaġġi ħajjin. Illum mhux biss persunaġġ ta' rumanz, imma saħansitra bniedem storiku fil-bijografiji li jgħidulhom rumanzati u li illum jimxu ħafna (aħsbu f'Ludwig), qiegħed jitlibbes il-libsa tal-kittieb. L-ewwel ħaġa li l-kritiku ifittex hi l-persunalità.

Fl-aħħar, inżidu ngħidu li l-aktar ħaġa li laqtitna hi li l-kittieba jaqtgħu nifishom malajr wisq: ma jaslux bin-nifs li jkunu telqu bih. Biex ma taqtax nifsek irid ikollok, kif igħidulu fil-filosofija moderna ta' l-arti *fantasma* f'moħħok u trid tibqa' moħħok fih.

Mela dan kollu għall-darba oħra.

John J. Cremona, B.A., D.Lit.(Ruma)
Dr. Ġ. Galea, M.D., D.P.H.

# XANDIR L-ISEM

Il-bniedem ma jaqagħx fi lsien in-nies għax huwa bniedem, iżda għax ikollu xi ħaġa li l-oħrajn m'għandhomx, jew għax jagħmel xi ħaġa li ħadd jew ftit biss irnexxielhom jagħmluha. B'daqshekk ma rridx niċħad li xi nies huma magħrufin għax huma miżmumin bħala tassew irġiel. Imma għandna naħsbu li, meta wieħed jissemma' għax huwa raġel, dan ma jfissirx li huwa jikseb it-tifħir tan-nies għax għandu erbgħin jew ħamsin sena u l anqas għax geddumu u ħaddejh jixhdulu li huwa raġel. Li kieku kien hekk, it-tifħir jinqasam bejn l-irġiel kollha. Iżda nafu tajjeb li mhux kulħadd jissemma' ndaqs u l-anqas kull min jissemma', jixxandar dejjem imħabba ħaġa waħda. Għalhekk kull bniedem ma jingħażilx minn l-oħrajn għax huwa bniedem, iżda għal xi ħaġa oħra barranija. U jekk bniedem għaġeb jixxandar mad-dinja kollha u jiġbed ix-xenqa ta' kulħadd għattagħrif fuqu, taħsibx li dan il-għaġeb isir magħruf għax huwa bniedem, imma għax huwa għaġeb, jew aħjar, għax m'huwiex bniedem kif għandu jkun, bħalma huma l-oħrajn.

U billi kull bniedem ma jsirx magħruf għax huwa bniedem biss, x'aktarx li kull min jibda jissemma', ikun tħabat ftit jew wisq qabel ma ismu jibda jiġġerra f'widnejn in-nies. Issib ukoll imbagħad min sar magħruf bla ma jaf kif huwa n-nifsu; għalhekk tistagħġibx jekk ulied ir Re huma magħrufin, minn x'ħin jitwieldu, bil-bosta aktar minn ta' ħaddieħor. Iżda dawk li jsiru magħrufin bla ma jkunu tħabtu u bla ma jkunu wrew xi ħila, huma ftit tassew. Il-fama tal-bniedem tiġri wara ħiltu: jekk ħiltu tibqa' moħbija, hekk ukoll il-fama tiegħu; iżda jekk ħiltu toħroġ fid-dieher, ismu jilħaq truf imbiegħda daqs ħiltu. U mhux darba jew tnejn li xi nies imxennqin għall-fama, billi raw li din ma tiġix waħidha, serqu l-ħila ta' ħaddieħor u b'hekk ġibdu wkoll warajhom il-fama li kienet tistħoqq lil min insterqet il-ħila. Dan jagħmluh xi wħud li jafu li l-fama ma tintlibisx fuq ix-xejn, iżda fuq il ħila; imma billi jaraw li huma m'għandhomx ebda ħila, biex biha jiksbu l-fama, jisirqu dik ta' ħaddieħor. U tabilħaqq, il-fama donnha l-libsa sabiħa li tidher fuq xbejba; imma din il-libsa tkun aktar tixirqilha w aktar iżżejjinha aktar ma x-xbejba tkun uriet ħila fil-qagħda u fit-tiżwiq ta' l-ilbies li fuqhom toqgħod il-libsa sabiħa tal-fama.

Tista' tgħid ukoll li ftit jew wisq kulħadd jitħabat u jħabrek biex isir aktar u aktar magħruf fost il-bnedmin; u minn-naħa l-oħra, kulħadd jinqaras meta jsib min iżommlu t-tixrid ta' ismu. X'aktarx, għalhekk, li ftit huma dawk li jkollhom xi ħila

li tiswielhom biex ixerrdu isimhom, u jżommuha moħbija Għax tassew, min għandu leħnu ħelu, x'aktarx li ma jżommux sieket wisq, u meta jsemma' leħnu f'xi għanja, x'aktarx biex jogħġob lil min jisimgħu u mhux lilu nnifsu. L-ilħna tassew tajbin huma ftit mhux għax ftit biss huma magħrufin, iżda ftit huma magħrufin għax tabilħaqq huma ftit l-ilħna tajbin. U kos, mhux biss min għandu leħen ħelu u sabiħ ikun mixtieq li jsemma' leħnu, iżda jitħajjar ukoll min għandu leħnu jixbaħ lil ħoss ta' romblu mkaxkar fuq iż-żrar!

Għalhekk ma naħsibx li jkun ibiegħed mis-sewwa min igħid li kull min m'huwiex magħruf, mhux minnu jonqos li ismu ma xxandarx iżda mill-ħila li hi nieqsa fih. Il-ħila tidħol u tidher f'kull xogħol u tiddeffes saħansitra fil-logħob. Tista' tgħid li kull tifel jew kull żagħżugħ ixejjer daqqa ta' sieq jew tnejn lill-ballun. Iżda għalkemm biex tilgħab il-ballun, ma tridx ħlief żewġ saqajn u ballun, ftit huma dawk iż-żgħażagħ li isimhom ixxandar ma' kullimkien u saru bil-bosta magħrufin għax jafu biss jilagħbu tajjeb il-ballun. U b'dankollu, kull wieħed li jkun jilgħab jidhirlu li jaf jilgħab tajjeb il-logħob li jkun jilgħab; u x'aktarx li jekk waqt il-logħob, ikun x'ikun, tgħid lill-wieħed li huwa ma jafx jilgħab, huwa jħoss ruħu mistħi u miksur għax tabilħaqq jidhirlu li jaf jilgħab.

Din il-ġibda fil-bniedem li juri l-ħila li għandu (jew aħjar, il-ħila li *jidhirlu* li għandu), ġejja x'aktarx mill għatx li ***għandu*** għall-fama. Jista' jkun ukoll li xi drabi l-bniedem juri ħiltu mhux biex ixandar ismu, iżda għal ħaġa oħra. Għax issib xi wħud li jħobbu jxandru ħilithom fix-xogħol tagħhom biex (kif igħidu huma) ikollhom dejjem ix-xogħol. Imma ma nafx kif dawn li jgħidu hekk jistgħu jkollhom il-ħsieb ta' żieda fix-xogħol, jekk f'moħħom ma jkollhomx ukoll il-ħsieb li ħilithom l-ewwel tiksbilhom il-fama, imbagħad ix-xogħol. Għax tabilħaqq mhix dejjem il-ħila li ġġib ix-xogħol warajha, għax jekk il-ħila mhix magħrufa, il-ħila, f'min tkun, ma tiswielu xejn qabel ma jixxandar ismu. Minn hawn tista' tgħid li min ixandar ħiltu, ikun x'ikun il-ħsieb ta' moħħu, x'aktarx jifhem ukoll li jxandar ismu. B'dankollu ma tistax tasal dejjem biex tifhem jew tfisser x'jista' jkun il-ħsieb ta' xi kittieba li, fil-waqt li jxandru xi xogħol tagħhom, jaħbu isimhom. Xi drabi tista' taqbad, bejn wieħed w ieħor, għaliex xi kittieb li jxandar ix-xogħol tiegħu, irid iżomm ismu moħbi. Is-sura w ix-xejra tal-kitba n-nfisha turik minn xi daqqiet li l-kittieb m'għandux f'moħħu l-ħsieb li juri ismu, iżda biss ix-xewqa w il-ħeġġa li l-kitba tiegħu tasal f'idejn il-qarrejja. Għalhekk issib xi kotba ta' ġid għar-ruħ mingħajr isem il-kittieb, li x'aktarx ma jħabbilx rasu jekk ismu jkunx imxandar jew lè. Jista' jkun ukoll li xi kitba li jkollha sura ta' tweġiba ħarxa lil xi

ħadd (jekk mhux ta' xi tingiża jew ta' xi ħasla) tidher tiġġerra f'l-idejn mingħajr isem il-kittieb.

Imma ikun x'ikun il-ħsieb ta' dawn il-kittieba li jaħbu isimhom, il-kotba ta' din il-għamla huma ftit tassew. Għax tabilħaqq, kull meta taqbad ktieb f'idejk, x'aktarx li ssib fuq il-qoxra (u ġewwa wkoll, eh!) isem il-kittieb mhux anqas minn isem il-ktieb, u x'aktarx li ssibu f'qagħda u f'sura li għajnejk jaqgħu l-ewwel fuqu, imbagħad fuq isem il-ktieb.

Dan juri wkoll li l-bniedem, f'kull xogħol u f'kull ċaqliq li jagħmel, imqar fi ħsiebu, jitħajjar biex ixandru meta jidhirlu li jiswielu biex ixandar ismu. U la darba waqa' l-kliem fuq il-kitba..., (jew aħjar fuq il-kittieba), la tistagħġibx jekk jiġi xi ktieb f'idejk, li wara li tkun qrajtu mill-bidu sat-tmiem, int issibu bla ebda togħma. Għax m'humiex ftit il-kotba ta' din il-għamla għaliex tabilħaqq l-anqas huma ftit il-kittieba li jqisu l-iżjed li isimhom jidher imxandar u mxerred fuq ħafna kotba u mhux li l-kitba tagħhom toħroġ mill-qalb u mill-moħħ kif imissha tkun.

F. Camilleri (Fra Ca)

# Xewqiet għal Fomm-ir-Riħ

Kemm nixtieq bħal issa nsibni
Fuq il-blat ta' Fomm-ir-riħ,
Mixħut fl-art, ħarsti fis-sema,
Nara s-sħab għoli, sabiħ,
Qisu xini, ġmiel imgħobbi,
Jiġri u jilbet taħt ir-riħ.

Kieku kelli lilek ħdejja
Fuq il-blat ta' Fomm-ir-riħ
Kont nurik il-ġmiel xi jfisser
Kont nurik ħdan Malta x'fih.
Sema u baħar m'hawnx fid-dinja
Koħol daqs ta' Fomm-ir-riħ.

X'tiswa d-dinja 'kk aħna ngħixu
Miċħudin minn Fomm-ir-riħ
Ixħet kollox wara dahrek
Ej' nitilqu minnufih.
Għidu lil min lilna ifittex
"Għandu jkun taru mar-riħ".

E. Agius

# IL-FLUS U L-HENA.

Staqsewni ħbiebi: "Tixtieq tirbaħ kemxa flus?" Jien weġibthom: "Ma nixtieqx." Tbissmu lkoll, ħarsu lejn xulxin, kemmxu xofftejhom, u reġgħu staqsewni: "Għaliex?"

Jien ma għandi l-ebda xewqa li nirbaħ flus għal bosta raġunijiet. S'issa għadni ħieles u nista' ngħaddi mit-toroq bla xkiel ta' ħadd. Dan nista' nagħmlu għaliex min għandu jieħu min għandi, sal-lum imissu qata' jiesu li għad isib flus fuqi, u għaliex ħadd ma jissogra jgħid li jiġi minni u jieqaf jistaqsini kif jien, li ma jfettillix inwaqqa' l-kliem fuq il-flus u nitolbu jislifni xi ħaġa. Għalhekk, jien għaddej ħajja komda daqs ta' l-akbar għani, u min fuq, miniex imfixkel f'xogħli, li għalih naħtieġ mistrieħ u ħajja ħiemda. Għall-kuntrarju, kieku kelli nirbaħ, ngħidu aħna, miljun lira, kienu jibdew jiġgerrew urajja dawk kollha li għandi nagħtihom, u għandu mnejn oħrajn ukoll li jitħajru minnhom, u b'hekk nitlef l-hena kollha ta' ħajti.

Nofs Malta tibda tgħid li tiġi minni u tkun tixtieq tkellimni, tiġi żżurni, titlobni għajnuna, tibgħatli bukketti ta' l-isbaħ ward u rigali mill-ifjen. U jien dan kollu x'nambih, la jien għandi tiegħi l-ġonna kollha tal-fantasija, u bħala rigal, Alla sawwarli s-sema bi ġmielu?

Jekk issa ngħaddi mit-toroq b'rasi għerja u b'xagħri mqanfed, u ħadd ma jagħti ħjieli, malli nirbaħ miljun lira jkolli nitqanna b'kappell f'rasi biex inwieġeb kif jixraq għattislim tan-nies, ikolli nħili daqs nofs siegħa kull fil-għodu quddiem il-mera biex nagħmel ferq dritt, u ndellek xagħri b'min jaf kemm tiċliq, li ma jmurx ikolli mqar xagħra biss barra minn lokha u nagħmel għajb lil dawk il-flus, li, bla ma ħdimt għalihom, ikunu saru tiegħi għal dejjem. Din mhix ħajja li tgħodd għalija.

Xi ngħid, imbagħad, għall ommijiet li jibdew jirsistu bejniethom, kull waħda biex tressaqli 'l bintha għaż-żwieġ? Sallum, ftit li xejn fittixt li niżżewweġ, anzi nista' ngħid li kull meta rabbejt il-ħila u tbissimt lil xi tfajla, li fi ħsiebi kont għażilt biex tkun marti, ma rajtx minnha ħlief ħars biċ-ċiera, u minn għand ommha ma qlajtx ħlief ċanfir u tagħjir. L-ommijiet, u dan nafu tajjeb, mhux lili jkunu jridu jżewġu 'lulieđhom, imma lil dawk il-liri li waħda fuq l-oħra jibnu tron sabiħ u artab daqs ir-rix biex fuqu titqiegħed ix-xebba li jien inkun għamilt tiegħi. Jisfa' fix-xejn il-ħars ikrah lejja tax-xbej-

biet u ċ-ċanfir u t-tagħjir ta' l-ommijiet; ma nibqax iżjed iż-żagħżugħ li jħares fix-xejn u joħlom miexi; għajnejja ma jibqgħux wereċ u riġlejja mgħawġin. Dawk il-liri jsiru għan-nisa bħal duwa tal-għaġeb li tfejjaq kull marda, dik ukoll li l-bniedem sata' jkun wiritha ma' twelidu. Meta nara d-dinja kif inhi ma tiġini l ebda ħajra li jkolli l-flus.

Fuq kollox, jien poeta, u ma jkunx ġieh għalija li naqla' l-flus bla ma nkun ħdimt għalihom. Ħajjet il-poeta hi bil-wisq ogħla minn dik li tingħax qalb iċ-ċekċik tad-deheb u l-għadd tal-karti. Jiena nitgħaxxaq biċ-ċekċik tax-xita nażżgieġ tat-twejqa li għandi f'kamarti, u nedħa meta noqgħod intanbar b'sunogħajja biex ingħodd il vrus li nħossħom igelglu minn qalbi. Għalija ma jgħoddx l-ilbies maħdum bir-reqqa u li wieħed jilbes biex igħaddi mdandan bih mit-toroq għal għajn ħaddieħor. Il-libsa li togħġobni hi dik li tilbes għalija n-natura fir-rebbiegħa, u l-oħra li jiżżejjen biha s-sema meta x-xemx tkun tħammar fi nżulha. Liema flus jistgħu jixtru dan il-ġmiel kollu, ġmiel li min hu poeta jaf kif jiksbu?

U kien hemm min qalli: "Ma tistax tirbaħ il-flus u tkun poeta fl-istess hin?" Ma nistax nifhem kif jista' jiġri li l-flus u l-poeżija jiżżewġu bejniethom, għaliex kull wieħed minnhom irid jaħkem waħdu fuq il-bniedem u jagħmlu qaddej tiegħu. Jien, ngħid għalija, nagħżel li naqdi lill-poeżija u nħalli barra lill-flus.

Ftit ilu, iltqajt ma' ħabib u qalli: "Il-mara telqitni... nista' nġibha lura jekk nirbaħ somma flus ġmielha." Ili nafu mit-tfulija lil dal-ħabib: minn dejjem kien bil għaqal, ġwejjed, miġbur mal-familja. Naf li għamel minn kollox biex jaqbad jaħdem xi mkien fejn ikun jista 'jaqla' għajxien xieraq; imma għad li skola jaf tajjeb, u moħħu jilħaqlu għal bosta affarijiet, għandu xortih ħażina u qatt ma rnexxielu jaqbad art. Issa, martu – dik li dejjem ħabb b'qalbu kollha u li għaliha biss qiegħed igħix – dik martu ssaħħret wara l-flus ta' wieħed ħajjen u bidlitu. "Tamti fil-logħob," issokta jgħidli, "Jekk ma nirbaħx il-flus li naħtieġ, inneħħi ħajti b'idejja. Dik għall-flus żgur li terġa' lura għal miegħi."

Ħabib jinqatel jekk ma jirbaħx il-flus, jien ma nħossnix li nista' ngħix kif irrid jekk ikolli lilhom Għalih il-flus ifissru hena, niket għalija. Imbagħad, il-flus li jridu lili, u li f'dawn il-jiem mhux ħlief nisma' min ikellimni fuqhom, (saħansitra fil-ħolm smajt min igħidli: "Nifraħlek, irbaħt il-lottu!") għax ma jagħtuhomx lil ħabibi. Hu jambihom biex jifdi lil martu. Jien ngħix hieni mingħajrhom, u nkun nista' nitgħaxxaq nara lill-ħabib tiegħi għaddej ferħan bħal qabel

ma' martu, li minħabba l-flus ta' żewġha tkun saret tħobbu iżjed milli qatt kien jobsor hu.

B'hekk ngħix hieni u dawk iż-żewġt iqlub li jkunu tlaqqgħu mill-ġdid.

Din hi l-ħajja: bosta drabi l-flus iwasslu għall-hena, waqt li hemm hena li ma tinkisibx bil-flus. Wieħed agħma li jkollu flus kemm irid, u jien li bilkemm għandi għaxja ta' lejla, aħna xhieda biżżejjed biex nuru li l-flus u l-hena huma żewġ ħwejjeġ li bejniethom jista' ma jkunx hemm irbit.

V. APAP.

# L-OMM

Maternal love ! thou word that sums
all bliss.—Pollock.

Titbekka lejl u nhar, l-anqas għajnejha
Ma tul il-lejl ma tbexxaq għal ftit ħin,
Għajnejha sfaw fil-ħofra, u ħaddejha
Darba kienu qawwija, llum mgħaddmin.

Tixtieq kull waqt, kull ħin, 'l uliedha ħdejha
Bħal qatgħa ngħaġ ma' ġenbha miġburin,
Sikwit tismagħha tlissen bejn xuftejha :
"F'hiex kellhom jiġu wliedi l-maħbubin!"

Malli ma' kullimkien tidwi t-tisfira
Li tħabbar l-għadu riesaq lejn dil-Gżira,
Quddiem Ġesù tinxteħet titlob ħniena.

Titbeżża' dejjem li tul din il-ġlieda
L-għadu se' jeqred ħesrem lil uliedha
—għax dawk demm demmha, l-aħjar frott ta' żmienha.

ĠORĠ CHETCUTI

15 / VII / '41

# ĊAWLA BAJDA

Donnu kien jum l-aħħar tad-dinja.

Għadd ta' rġiel, mitlufa f'dadigħa tad-demm, imrekknin ma' xulxin u mgħammra bil-ħtiġijiet kollha tat-taqbid, kienu qegħdin jiġu mmexxija, bħal merħla barrin bil-għatx, biex jaħbtu għal għadd ta' bnedmin oħra li kienu ftit il-bogħod minnhom. Fuq l uċuh ta' dawk l-irġiel imkeska ma kienet tidher l-ebda ħniena u l-għan waħdani tagħhom kien dak biss li jeqirdu lil dawk li kien hemm quddiemhom bil-ħruxija kollha u billi jisħquhom taħt il-qilla ta' l-azzar li bih kienu mgħammra, ijassruhom għal għomorhom jew jeqirduhom minn wiċċ din l-art għal dejjem kemm-il darba dawk il-bnedmin bla ħtija jfettlilhom ifixklu l-mixja tagħhom.

Il-ħsejjes ta' l-inġenji tat-taqbid kienu qegħdin iriegħdu l-ajru. Il-biki u l-għajjat tan-nies kienu iwerwru. L-art kienet tinħass titheżżeż. Iż-żarżir tal-balal kien itarrax. Id-demm ta' ħafna nies bla ħtija kien qiegħed jaħsel it-triqat.

Donnu kien jum l-aħħar tad-dinja!

Ma' dawk il-maħluqa li kienu qed jaħbtu għal ħuthom, il-maħluqa l-oħra, kien hemm Fritz, raġel ta' għamla li jsaħħrek. Huwa kien imgħmmar b'dak kollu li jinħtieġlu suldat li jiġi mibgħut biex jitqabad, iżda ftit xejn kien jidher li ghandu dik il-ħeġġa u kilba għat-tixrid tad-demm li kellhm sħabu. Mhux biss, iżda li kieku wieħed seta' jofroq lil dak is-sur ta' l-azzar u jersaq fil-qrib tiegħu kien jintebaħ li qighed iċaqlak idejħ bir-rogħda, saqajħ kienu qishom imwaħħla ma' l art, u fuq ħaddejħ kienu nieżla demgħat ta' ħasra u ta' għajb.

B'dankollu kien jeħtieġlu jimxi, jew jitmexxa minn dawk ta' warajh. Kien jeħtieġlu jbattal ta' sikwit l-azzarin li kellu taħt abtu u joqtol lil dawk ta' quddiemu li ma kienu għamlulu qatt xejn. Jew joqtol jew jiġi maqtul huwa minn sħabu nkella minn dawk li kien hemm fi triqtu.

Jimxi u jkaxkar saqajh dieħel fl-art ta' dawk li l-mexxejja tiegħu kienu sejħuihom egħdewwa. Taħt iż-żarbun tqil li kellu, Fritz beda daqqiet iħoss xi ħaġa ratba mingħajr ma kien jintebaħ li dak kien ikun ġisem ta' maħluq bħalu. L-infern li kellu quddiemu ma kienx qed iħallih jaħseb u bħal bniedem xurban, mejjet bil-għajja u b'qalbu maqsuma, moħħu kien magħluq għal kollox u toqla tal-biża' kienet taħkem fuq irrieda tiegħu.

Id-dlam tal-lejl kien ikabbar il-waħx ta' dik it-traġedja. Il-krib tal-midrubin kien irattab iż-żonqor iżda le l-qalb ta' dawk in-nies imgħammra bil-għodod tal-qirda u li donnhom bit-telfa li jkunu fiha ma jintebħux x'ikunu qegħdin jagħmlu u liema tiġrib ikunu qed iwaqqgħu fuq is-sbuħija tal-ħolqien. Ma jintebħux kemm huma kbar in-niket, il-hemm u d-dieqa li jkunu qed jitfgħu fuq mijiet ta' eluf ta' ħlejjaq bla ħtija.

Mat-tbexbix tal-jum bdiet tintlemaħ il-qirda li kienet qed issir. Id-dawl tax-xemx imgħajba, li tfaċċat fuq xefaq is-sema, kixef il-ħsara li kienet qed titwettaq fuq bini u ħolqien. Eluf ta' djar, il-ġmiel tagħhom, triqat li kienu jgħaxxqu, imsieraħ li kienu jsaħħru, mibnija mill-għaqal, il-ħidma u t-tbatija tal-ġens li kien maħbut, dehru qegħdin imilu fuq ġenb wieħed u jaqgħu biex jordmu taħthom lil dawk li għarqu għaraq tad-demm biex bnewhom.

Il-maħluqin, mitlufa f'biża' tal-ġenn dehru jiġġerrew minn naħa għal oħra, jaħbtu ma' xulxin u jġorru magħhom l-egħżeż ħwejjeġ li setgħu jieħdu. Zgħazagħ igħinu lix-xjuħ maħbuba, morda li ma setgħux jlċċaqalqu jistennew il-mewta kiefra li dehret riesqa fuqhom mingħajr ma jistgħu jgħinu ruħhom biex iwarrbu minn nofs dak it-tiġrib, it-tfal jitgezzu mal-kbar imbikkija u mwerwra, l-ommijiet jagħsru lil uliedhom ma sidirhom biex jeħilsuhom mit-tiġrif u mill-ħerba li kienet qed isseħħ Dehriet li kienu jrattbu u jġibu ħniena lix-xjaten iżda li donnhom ma jolqtux il-qlub ta' dawk il-qawwiet li kienu qed iwettquhom.

Dawk il-qawwiet imgħammra bl-azzar kienu ġew misruqa minn kull dehen ta' għamil tajjeb. It-tagħmir ta' għodod tat-taqbid li kellhom donnu kien neħħielhom it-tagħlim li ġew mogħtija fi ċkunithom biex jitgħammru b'imħabba għali għajrhom u t-tjubija f'għamilhom. Is-semm li ġie mitfugħ f'demmhom u l-kliem qarrieqi ta' dawk li kienu qed imexxuhom qerdulhom it-tagħlim utieqi tal-kbir Għalliem.

Lil dawk il-maħluqin bħalhom, li kien hemm quddiemhom, dawn il-qawwiet kienu qegħdin jarawhom egħdewwa. Għalihom ma setgħux iħossu la ħasra u l-anqas ħniena. Kellhom tagħlim ġdîd, ta' dinja ġdida li lilhom ġiet imwegħda, li għandha tkun tagħhom, immexxija minnhom għaliex huma l-magħżula fost il-maħluqin. L-oħrajn għandhom ikunu l-imjassra u huma s-sidien.

L-ebda nisel ieħor ma jista' jkollu sehem daqshom fix-xejra ii għanda timxi minnha d-dinja. Ħażin għalih min jieqaf quddiem it-triq li minnha riedu jgħaddu. Il-mexxejja tagħhom kienu għallmuhom li dawk l-imkejjen imsejħin "fruntieri" u

dawk il-bċejjeċ taċ-ċraret, imsejħin "bandieri" huma ħolqien ta' nies oħra u ma għandhomx ikunu meqjuma.

Mogħmija b'dawn il-ħsibijiet il-qerrieda baqgħu dejjem mexjin 'l quddiem, Fritz ikaxkar lilu nnifsu magħhom, igħaffġu taħt iż-żraben tqal li kellhom trabi, nisa u xjuħ. Iqabbdu nirien li bdew jogħlew sa mas-smewwiet u li bihom bdew jimxu u jdewbu l-iġsma ta' ħafna nies bla ħtija.

"Kemm jagħmel ħsara u deni t-tagħlim ħażin! Ħliema baħar ta' ġenn jitfa' lil ħafna rjus sħan! Kif itellef id-dehen u l-għaqal li l-bnedmin ġew imżejna bihom!

"Li kieku ma kienx hekk, dawk il-ħafna żgħażagħ kienu jintebħu li b'għamilhom huma aktarx li ma kienu sejrin jirbħu xejn għajr mewta kerha qabel iż-żmien. Kienu jintebħu li ma kenux qegħdin jagħmluha ħlief ta' għodod biex jikbru u jitħaxxnu l-mexxejja li wrewhom dik it-triq ta' ħsara fil-ħin li huma sejrin jinqerdu ħesrem u jitilfu għal dejjem il-ġmiel tat-ħolqien u ħajja hienja u tajba il setgħu komplew fiha mingħajr mibegħda u tbatija kemm għalihom u kemm għal għajrhom".—

Kliem bħal dan beda igerger waħdu Fritz mita kien qed jara dak li kellu quddiemu mat-tbexbix tal-jum.

Il-ħsibijiet li bdew għaddejjin minn moħħ Fritz, aktar taqqlulu rasu u bdew igħaddu minn għalih waqtiet li ma' tulhom ma kienx ikun jaf x'inhuwa jagħmel jew fejn huwa qiegħed Dak il-qtil, li ma kienx jaqbel mar-rieda tiegħu, ma setax iġarrbu aktar. Mitt darba kien sejjer jibda jgħajjat bħal miġnun u jitlaq minn idejh l-azzarin li bih kien imgħammar iżda l-ħsieb ta' martu u ta' uliedu ġagħluh jigdem ilsienu, jiskot u jibqa' jitkaxkar flimkien ma' sħabu sakemm fl-aħħar, mingħajr ma ntebaħ, ħass taħt saqajh ġisem ta' tarbija li din werżqet bil-weġgħa, ħasditu u kompliet tellfitu s-saħħa li kien baqagħlu f'saqajh, u wara li tbandal għal ftit tul, waqa' b'tisbita ma' l-art, qalb it-tajn u d-demm. L-azzarin li kellu f'idu niffidlu sidru minn banda għall-oħra.

"—La toqtolx! La toqtlux!!"—kienu l-aħħar kelmiet li Fritz xtaq igħajjat b'saħħtu kollha, iżda dawn il kelmiet ma semagħhom ħadd ħlief huwa nnifsu u xoftejh iċċaqilqu bil-kemm-il-kemm.

Kienet l-aħħar dagħdigħa tad-demm.

Liema kitba tista' tfisser il-ħsibijiet li għaddew minn moħħ dak is-żagħżugħ f'dawn l ahħar waqtiet. Ix-xbihat ta' martu u ta' uliedu dehru jleħħu quddiem għajnejh għal kollox magħluqa. Fit-telfa deherlu li qed jara lil dak missieru, li kien iħobbu ħafna, jħares lejh imwiegħer għaliex wettaq għamil aħrax ma' għajru.

Ried kieku jqum fuq saqajh biex iwarrab min-nofs l-inġenji u jeħles mid-daqqiet ta' żraben li kieu qed jaqla'. Iżda saħħa ma kellux. It-tisfir tal-balal kien qed itarrxu, il-ħsejjes tal-għodod tat-taqbid, li kienu qed imissu miegħu, kienu jwaħħxu.

Xtaq jitlob għajnuna lil sħabu li mingħajr ma jatu kasu jew iħarsu ftit lejh jibqgħu għaddejjin minn ma' ġenbu, jirfsu fuqu u jkomplu fil-mixi tagħhom. Id-damdim tat-tankijiet kien qed jisimgħu joqrob lejh u quddiem l-għajnejn li kellu magħ-luqa, il-ħsieb beda jurih tank, dak il-waħx tal-azzar, riesaq biex ikompli jgħaffġu taħtu u jħassarlu s-sura ta' bniedem li kien għad baqagħlu.

Minn moħħu għaddielu l-ħsieb li għad jiġi f'tiegħu u, ma' niesu, ikun jista' jwarrab fil-bogħod, f'imkejjen li fihom ma jiltaqa' ma' ħadd, biex igħix ħajja fil-hena u kif irid Alla.

Kemm hija sabiħa t-tama, kemm huma kbar ix-xewqat li jgħaddu minn moħħ żagħżugħ li jkun jixtieq igħix iżda li ħajtu ġiet misruqa ħin bla waqt.

Kemm jaraha sabieħa dik id-dinja li jkun sejjer iħalli warajh u kemm tidhirlu kbira l-kruha tat-twettiq ħażin tiegħu.

Fritz kien għadu qisu qed joħlom. Kienet l-aħħar ħolma ta' ħajtu. Il-ħsibijiet li kienu għaddejjin minn għalih ma kenux ħlief l-aħħar qtar ta' demm li kienu għadhom qed iħad-dmulu ftit moħħu. F'ħin wieħed il-moħħ jibni munġbelli ta' tamiet, ħsiebijiet u xewqat.

Kienet l-aħħar dagħdigħa tad-demm.

Fritz kien mejjet.

Ġ. ORLANDO SMITH (YPSILON.)

11/11/'41.

# Fi żmien l-Assedju

Ix-xemx kienet għadha kemm niżlet, u d-dlamijiet bdew isewdu lir-rħula wil-bliet.

F'għorfa ta' razzett żewġt irġiel wieħed ftit xwejjaħ u l-ieħor żagħżugħ kienu bil-qiegħda fuq borġ ġebel. Quddiem il-ftuħ tal-għorfa kien hemm żewġ sefturi bix-xwabel misluta lesti b'ex jilqgħu lura minn ried jidħol ġewwa. Iż-żewġt irġiel tal-għorfa kienu missier u iben ta' demm qadim nobbli Kastellan li għall-mijiet ta' snin għexu Malta. It-tnejn kienu sofor mewt, lewn li jaqta' ħafna ma' lewn l-ilbiesi tagħhom aħmar u dehbi.

B'għajnejhom ċassi f'wiċċ xulxin, it-tnejn riedu jitkellmu iżda ma' setgħux. Fl-aħħar wara ħafna żmien il-missier kiebi fetaħ ħalqu w qal. "Ibni, iż-żmien wasal li għandna ninfirdu. Min hawn u jumejn oħra x-xwieni Torok għandhom inizzlu 'l Dragut u niesu f'din il-gżira w jien sejjer nilqagħhom; il-palazz w l-qbiela tiegħi jsiru tiegħek jekk ma niltaqgħux iżjed. Saħħa, ibni. Il-kavalieri qatlu l missieri u jien nobgħodhom u nitlob vendetta minnhom. Selli għal ħbiebi l-Maltin, Anton; selli għal kullħadd u għidilhom li jien qed niġġieled kontra l-uċuħ foloz tal-kavalieri li għakksu dejjem il Maltin. Int m'għadekx tifel u għalhekk agħżel 'il min trid, it-Torok jew il kavalieri.

Anton mimli bid-dwejjaq, b'rasu lejn l-art iżda b'kelma soda, qal:—"Missier, tassew kollu kemm hu li l-kavalieri ma jistgħux għalina iżda jekk jirbaħ il-mislem x'isir minna? Huma joħdulna xbejbietna fi djarhom, u jġorru lilna ilsiera fuq ix-xwieni. Il-għaqda tal-Maltin tisfa mejta, u x-xewqa tiegħi li l quddiem Malta għad ikollha l-qima ta' nazzjon ittir mar-riħ." Siket Anton u ħemda waqgħet fl-għorfa. Il-missier, isfar bl-għaraq sħajjen fuq wiċċu, b'ħarsa xettika iżda li tagħder u li tixtieq dak li qal ibnu jsir, resaq lejn Anton u ħaddnu miegħu. Kemm bews u biki xterdu dak il-ħin!

..............................................................

Iż-żmien kien daħal sewwa mindu t-Torok niżlu f'Malta. Sant Iiermu fit-23 ta Ġunju waqa' u t-taqbid għal Sant'Anġlu ħrax.

Fl-ewwel ta' Lulju Anton ntgħażel bħala Kapt tat-tkix-xifa. Dik il-lejla stess Anton, kellu jitkixxef il-ħidma tat-Torok bejn l-Imdina u Sant'Anġlu.

Il-qamar kien imgħotti minn sħab ħafif, u żiffa ħelwa sajfija fewġet ma' wiċċ Anton li liebes ta' Tork kien qisu gremxula titkaxkar mas-sodda niexfa tal-wied.

Wara siegħa mixi Anton waqaf u strieħ taħt ħarruba. Wara ftit il-qamar ħareġ wiċċu mis-sħab u wera dell ta' raġel fuq żiemel. Anton kif ra hekk ħass bħal dehxa, qabad il-qaws taħt dirgħajh, u tkaxkar minn taħt il-ħarruba biex jara min hu. Fuq blata maħruġa 'l barra fuq il-wied raġel xwejjaħ sabiħ xuxtu bajda silġ, riekeb fuq żiemel iswed tuta, kien qiegħed iħares u jissamma' lejn il-wied. Anton ħares ċass lejh. ħass bħal tagħfisa fil qalb, u ħaseb. Isfar mewt Anton refa' l-qaws u ħa l-mira bil-mod fuq sieq ix-xellugija ta' quddiem taż-żiemel qisu għadu ma jafx x'jagħmel. Fl-aħħar instemgħet tvenvina, iż-żiemel milqut għotor, waqa' ġol-wied u miegħu r-rikkieb. Il-wied iġġenġel bil-ħoss w Anton ġera lejn ix-xwejjaħ, qabadlu wiċċu u biesu għal ħafna drabi. Ix-xwejjaħ wara ftit żmien fetaħ għajnejh, għarfu u sejjaħlu "Anton". Anton imbikki qal: "Aħfirli, missieri" u missieru wieġbu "Għamilt dmirek... It-Torok ifaħħru... ħafna... lilkom". Dawn kienu l-aħħar kliem bejn il-missier u l-iben. Din kienet l-aħħar laqgħa bejniethom!

........................................................................................

Ix-xewqa ta' Anton wara r-rebħa ma seħetx għax il-Maltin, bħala ġens misħut minn Alla, dejjem imrobbi ilsir ta' ġnus kbar, minn twelidu ma ħasibx qatt għalli ġej. Il-Maltin imlew żaqqhom bix-xorb u bit-tifħir tal-kavalieri. Il-Maltin ta' dak iż-żmien bħala rebbieħa ma talbux art kbira li tasa' lilhom, lil uliedhom u lil nieshom li ġejjin.

Wara ftit żmien tar-rebħa tat-8 tas-Settembru l-kavalieri għakksu iżjed il-Maltin.

Din hi l ġrajja tal-ġnus ilsiera.

MORS MEA VITA TUA.

# Rebħ is-Sewwa

Xebgħan u mnikket bit-tweghir u mġieba
Tal-bniedem issa ħsiebu biss fil-ġlied,
Tlaqt jien lejn għolja fejn ġo għar imbiegħed,
Irqadt mitluf fi ħsieb ta' sliem fejjied:

*

Ħlomthom jitqabdu, lill-bnedmin mitlufa
F'mibegħda kbira b'qalbhom tgħum fis-semm;
Ħlomthom jitqatlu qalb nirien tal-biża',
Fejn wied iċarċar kullimkien bid-demm:

U fost il-ħsejjes tal-kanuni jdaħħnu
Bdejt nisma' għajjât ta' ġenn, għajjât ta' ħrib:
Għajjât ta' saħta fl-art minn nies midruba,
Minn fommhom ħiereġ biss tnehid u krib:

Kien beda jbexbex x'ħin 'il fuq, fil-għoli,
Bdiet riesqa sħaba bajda minn quddiem:
Sħaba sabiħa ta' ħamiema l-għamla,
Li ġiet minn saltna ta' ftehim u sliem:

Rajtha mill-għar, fejn kont mitluf f'ħolm sliemi,
Lis-sħaba tieqaf, fuq tqabid il-hemm,
B'ittri tad-dawl jintfew imbagħad jixegħlu:
"Irrid is-sliem u m'hux tixrid ta' demm!"

*

Waqfu l-ġellieda mit-taqbid, u ferħu
Bl-ittri tad-dawl jixegħlu kliem ħanin;
Jien fraħt ukoll u lill-ġellieda ħlomthom
Jitilqu l-armi u jieħdu b'id xulxin:

Xterdet ma' kullimkien l-aħbar tas-sliema
L-ittri tad-dawl mis-sħaba bdew jintfew:
Is-sewwa rebaħ u l-ġellieda tferrxu
Biex jerġgħu jaħdmu l-art mnejn kienu ġew!

M. Agius.

Villa Lija.

# Dizzjunarju ta' Sinonmi Maltin bl-etimoloġija tal-kliem.

## ABBA, BIES, ĦABB

*Abba*: kelma li tingħad lit-trabi biss u tfisser "bies". Hekk ingħidu "Abbi l-vava; abbi l-wejda eċċ. (Ara Diz. A. E. Caruana). Mhix mela kelma li tinstama' f'ħalq il-kbar.

*Ħabb* (Għarbi ħabb—jħobb) meta tfisser "bies" hi bħal *abba* kelma tat-trabi. Hekk il-missier jew l-omm jiġi li jgħidu lit-tarbija "ħobb jew ħabb it-tata".

*Bies* (Għarbi bâs—ibus) hi l-kelma l-aktar mexxejja u magħrufa tal-kbar u ż-żgħar mbarra t-trabi.

Dawn il-kelmiet huma t-tlieta ta' nisel Semi. *Abba* tidher li hi għamla oħra ta' *ħabb* li, xi drabi fil-Malti u fl-Għarbi ta' l-Eġittu (Hava), tfisser ukoll "to kiss". Il-waqgħa ta' *ħ* f'*abba* minn *ħabb* titfisser billi wieħed jista' jifhem li dalħoss hu tqil għat-trabi wis-sekwenza vokalika *a—a* (it-tieni waħda żjieda ewfonika), il-għaliex it-trabi jħobbu jtennu l-istess ħsejjes donnhom jieħdu pjaċir jirritmawhom (Qb. kliem it-trabi b'sekwenza vokalika *a—a* f'*mamma*; *pappa*; *ħabba* (flus) se—vok., *e—e* f'*qeqqe*; *i—i mimmi*; *żiżi* eċċ u eżempji minn ilsna oħra mogħtijin minn Jesperson fix-xogħol tiegħu "Language p. 109" 1st ed.). Il-Prof. Saydon jaħseb li *abba* hi tiswira onomotopejka mingħajr rabta ma *ħabb*. Imma jien naħseb li, kif għidt hawn fuq, *abba* titnissel minn *ħabb*. u li hi dil-kelma *ħabb* li f'ras il-għajn tnisslet bħala tiswira onomotopejka.

## ADDOĊĊ, IRRINK.

*Addoċċ*. Dil-kelma hi mibnija minn żewg kelmiet Sqallin *ad + occhiu* (għajn) u daħlet l-ewwel fil-kummerċ fis-sens ta' "xtara jew biegħ kif jidher fil-għajn mingħajr ma qagħad jiżen": bħal meta ngħidu "Il-frott inbiegħ addoċċ; xtara qomos addoċċ", mingħajr ma qagħad jiżen jew jeżaminah, u f'sens imxebbah, xtara għadd kbir kemm ra b'għajnejh. Minn hawn tagħmel ħaġa *addoċċ*, ifisser tagħmel dil-ħaġa mingħajr ħsieb, timxi b għajnejk biss u mhux b'moħħok. *Taqta' addoċċ*, taqta' kif il-ħaġa tidher f'għajnejk, (mingħajr ma toqgħod taħsibha, u l-għajn mhux ta' min joqgħod fuqha waħedha biss. Għalhekk *addoċċ* saret tfisser dak li b'Malti safi ngħidu "kif ġie ġie". L-ajruplan jixħet il-bombi addoċċ meta ma joqgħodx jagħżel bejn oġġettivi militari u bejn nies ċivili. Tfisser ukoll "mingħajr ħsieb" *jitħaddet addoċċ* (ma joqgħodx iqis il-kelma qabel).

*Irrink*, bħal *addoċċ*, tinbena mill-Isqalli *a + ringu* "l'uno dopo l'altro, senza intermissione, *Continuatamente*" u minn hawn, "indistintamente, senza riguardi" (Mortillaro); tutto

incluso (Giacomo de Gregorio, Studii Glottologici Italiani vol. 8.) u mhux minn *a + rancu* mill-*Isq. arrancari* "correre in folla all'appello di chi chiama aiuto o guerra ecc. voce sconosciuta al siculo Mortillaro" kif ħaseb Barbera. Mela *irrink* tfisser "kullħadd jew kollox magħdud, milqut ecc. minn liġi ecc min għajr għażla ta' *klassi*, *etá*, ecc. Hekk nistgħu ngħidu "Il-lieva saret *irrink* u mhux *addoċċ* = il-lieva saret għal kullħadd mingħajr għażla ta' klassi u bil-ħsieb." Jekk ngħidu *addoċċ* flok *irrink* u bil-maqlub nkunu ngħidu "il-lieva saret mingħajr ħsieb u mhux għall-kull-ħadd." Hekk il-bdiewa jgħidu *ħasad irrink*; ħasad kollox kif ġieh taħt il-minġel. *Kulħadd irrink:* kulħadd mingħajr ħadd barra. L-ajruplan xeħet il-bombi *addoċċ* u qatel in-nies *irrink*, imma nagħmlu sens ieħor jekk ngħidu l-ajruplan xeħet *il-bombi irrink* li tfisser "xeħet bombi ta' kull daqs kif ġewh taħt idejh mingħajr ma qagħad jagħżel."

Fil-Malti Semitku fis-sens imnissel *addoċċ* titfisser l-eqreb bil-frażi, "kif ġie ġie fejn laqat laqat; fejn ħabat laqat", u *irrink* bla għażla.

ADURA, QIEM, IVVENERA.

*Adura* (adorazzjoni) *Qiem* (qima) *Ivvenera* (venerazzjoni) *Riverenza.* *Adura* mill-Isqalli *adura'ri* tintrabat mal-Latin *adorare* li tinbena minn *ad + orare* (talab 'l Alla ecc.); minn hawn *adura* tfisser "tistqarr ix-xejn tiegħek u tagħraf 'l Alla fuqek u għalhekk *titlob* dak li teħtieġlek minn għandu". Dan l-għamil jissejjaħ *adorazzjoni* waqt li *qiem* hi kelma Semitika li tintrabat mill-egħruq Q-(W)-M = sewa; għaraf is-siwi ta'. Meta jien *nadura* 'l Alla bl-*adorazzjoni* tiegħi ninġabar fija nnifsi bl-umiltà w *nitolbu* l-għajnuna f'dak li jeħtieġli. Meta jien *inqimu* (nagħtih *qima*) jien nagħraf kemm jien ma niswa xejn u kemm Huwa jiswa kollox (qb. Q-(W)-M to be worthy). Fl-*adorazzjoni* mela nqim u *nitlob* 'l Alla, fil-*qima* nagħraf ix-xejn tiegħi wis-*siwi* t'Alla.

Bejn *qiem* (qima) u *adura* (adorazzjoni) tgħaddi dik id-differenza li hemm fl-Ingliż bejn *adore* (Romance) u *worship* (Old English) Din ta' l-aħħar hi Ingliz safi u bħal *qiem* fil-Malti tintrabat mal-Anglu-Sassonu *Worthship* (worth-siwi).

*Ivvenera* (venerazzjoni) mill-Isqalli *venera'ri* tintrabat mill-Latin *veneror*, u *venus* (mħabba). Mela *ivvenera* tfisser "għamel turija ta' mħabba". Il-Kattoliku jadura 'l Alla u jivvenera l-qaddisin.

*Riverenza* (Sq.*rivere'nza*) mill-Latin re(*vereri*, baża') hi għamil ta' venerazzjoni u tista' ssir lis-Sagrament, lill-qaddisin, lill-Isqof ecc bħal meta wieħed jinżel għarkubtejh jew ibaxxi rasu. It-tifsir ewlieni tal-Latin *vereri* f'riverenza juri l-biża' bħala l-kawża waqt li fil-*venerazzjoni* l-kawża hi l-imħabba. (Lat. venus).

(*Baqa*) — Ġ. AQUILINA

# KIF IGHAJTU L-BEJJIEGHA

(*Ara facc. 46*)

*Frawli*: Xotta l-frawli.
*Tuffieħ*: Ta' Belludja saret.
*Qaqoċċ*: Tari għax-xiwi.
*Naspli*: In-naspla saret.
*Kappar*: Kappar għat-tappar. (Mhux kif jaħsbu x'uħud "Kappar għal-kappar". Il-kappar jitqiegħed fil-fliexken li jistaddu bit-tappijiet — għalhekk jintappawh.)
*Lewż, ġellewż*: Lewż u ġellewż.
*Tin*: Ara għandu t-tin abjad.
*Farkizzan*: Ejjew għall-farkizzan.
*Parsott* Min jaqta' d-duda bil-parsott. (Għax il-parsott isir fl-aħħar wara l-frott l-ieħor).
*Damaskina*: Id-damaskina saret.
*Indivja*: X'indivja bajda għandna l-lejla. (Bonelli) *
*Bettieħ*: Ta' Spanja l-bettieħ. Għawdxi l-bettieħ. Xammiem il-bettieħ.
*Għeneb*: Katlan il-għeneb. Tal-beżżula hawn. Tal-bozoz il-għeneb (għax ikun qisu dak l-għeneb li naraw fil-bozoz tal-ħġieġ fi djar in-nies).
*Lanġas*: Frott ix-xama' u agħżel.
*Krafes*: Għal-brodu hawn.
*Qamħirrum*: Min jagħlef l-aħdar. Min jagħlef.
*Silla*: Bil-fjuri s-silla. Min jagħlef.
*Tiben*: Min jixtri (inbegħlu) ħemel tiben.
*Egħruka*: Egħruka l-insalata. Tarija l-insalata.
*Patata*: Mill-fina l-patata. Romblija l-patata. Ħoxna għal-forn.
*Ġdur*: Tarija l-ġidra.
*Spinaċi, ħass*: Spinaċi u ħass.
*Bambinella:* Min hu għal-bambinella.
*Ful*, eċċ. Ful u ċiċri u karawett.
*Qastan*: Mgħollija u nfurnata. Il-marruna reġgħet ġiet. Għall-imbuljuta. Min jgħalliha l-imqaxxra.

---

* Bonelli kien ġabar xi għajjat tal-bejjiegħa fil-ktieb tiegħu "*Saggio del folklore dell'isola di Malta*".

*Għasafar tal-bejt*: Talbejta min irabbi (illum ma jistgħux jinbigħu għasafar tal-bejt).
*Kanali*: Kemm jgħanni l-kanal.
*Flieles*: Flieles min irabbi.
*Gallozzi*: (sriedek żgħar) Il-gallozzi min jixtrihom.
*Eringi*: Ġodod. Ġew il-ġodod.
*Vopi*: Vopi għax-xiwi. Għall-aljotta l-vopi.
*Fekruna*: Fekruna għall-istuffat. Kemm ixxomma tfuħ il-ġara.
*Xkatlu*: Ħaj l-ixkatlu.
*Skorfna*: Min jgħalli l-iskorfna.
*Aċċola*: Aċċola: ward il-ħut.
*Siċċa, klamari* Għandu s-siċċa u l-klamar.
*Kaħli*: Kaħli għax-xiwi.
*Gallina*: Min igħalli l-gallina.
*Sparli*: Ixwi l-isparlu.
*Pixxispad*: Għandu l-ispadu.
*Sallur*: Ta' Smirna s-sallur.
*Imħar*: Ta' Filfla l-imħariet. Min hu għall-imħar.
*Arzel*: Arzelli nigri.
*Gandoffli*: Tal-gandoffli hawn.
*Rizzi*: Kemm hu mimli. Rizzi mimli.
*Ħobż*: Hawn tas-smid.
*Imqaret*: Ara kollha tamar. Ifuħu.
*Kagħak*: Tal-kagħak ħelwin.
*Figolli*: Għall-figolla min idawwar. (Dari fl-Għid kienu jdawru ċ-ċippidadu għal-figolli)
*Ravjul*: Jagħli r-ravjul. Tajjeb u jgħali.
*Bajd*: Ta' Malta frisk.
*Ġbejniet friski*: Ħelwin il-ġbejniet. Frisk il-ġobon.
*Irkotta*: Tajba għar-ravjul. Friska ħalib.
*Kannoli*: Kannol sold. Bl-irkotta.
*Pasti*: Bil-krema hawn.
*Bebbux*: Bebbux min igħalli. Imsawwem il-bebbux.
*Xoqqa*: Xoqqa u xarten min inbegħlu.
*Faħam*: Tal-kannol il-faħam.
*Fuħħar*: Ta' Napli l-fuħħar. Hawn tal-qsari. (Dari kien jiġi wieħed idur għal fuħħar imxaqqaq biex isewwih u kien jgħajjat: "Tal-imġelġel".
*Is-sennien*: Imqassijiet u skieken min isinn.
*Il-landier*: Spiritieri għat-tiswija min għandu.

*Il-ġabbar*: Għadam u ċraret. Ram u ħadid.
*Tal-fliexken*: Fliexken għall-bejgħ min għandu.
*Tal-ħnieżer żgħar*: Ħanżir min irabbi (Illum ma għadekx tisma' wisq min jgħajjat hekk.)
*Min jiġbor il-qamħ għat-tħin*: Tat-tħin hawn. Jeħodhulek u jġibhulek. (Dari kien joħroġ wieħed jiġbor fiċ-ċrienen il-qamħ minn ġod-djar, jitħnu l-mitħna, u jerġa' jieħdu 'l sidu. Illum jgħaddi jiġbor bil-karrozza flok bil-bhima.
*Tal-karrozzin*: Wardet. Wardet, (Biex iżżul minn ħofs).
*Min idawwar biċ-ċippidadu*: Min joħlomhielu,
*Tal-fjuri*: Ta' Mejju kemm ifuħ.
*Tal-fajjenza*: Borom u kazzoli. Platti u kikkri min inbegħilu. Tazzi fini.

Ġ. Cassar Pullicino

# Is-Safar II

Għawdex żgħir wisq u tħoss
il-baħar minn kull naħa
jaqtagħna sfieq mid-dinja.
Kull fejn tħares ħlief ikħal ma tarax
u kieku mhux għax hawn xi ftit tal-ħdura
l-ikħal t'hemm fuq u l-ikħal ta' madwarek
bħal ibeżżgħuk.
Iżda xi drabi s-sħab ħabib jaħbilek
il-waħx kbir tas-smewwiet.
Imbagħad tintaf' għal dahrek
tgħammex għajnejk bil-bjuda
tal-bizzilla tbiddel tbiddel
li tinfirex mal-ħolqien,
u tisma' r-riħ ivenven
u tħoss il-mewġ ikisser
u toħlom l'inti f'dgħajsa
qiegħed tbewweġ għal x'imkien.

M. Mizzi

Għawdex, 24-25/II/'42

# KOTBA ĠODDA

IL-PRONOSTKU MALTI ta' Muscat is-sena ħareġ batut. Folji ftit, poeżiji sitta biss u novelli xejn Il-poeżiji tajbiu ġmielhom u s-sunett ta' Kelinu Vella-Haber tista' tgħid perfett barra li l-aħħar vers mhux ċar daqs kemm messu. Dik il-biċċa proża ta' Ġużè Dimech-Debono biex ngħiduha ma' Papini *è una prosa mencia che esala il leppo di lucignolo spento.*

* * *

L-GĦANJA TAD-DMUGĦ minn Manweli Antonju Scalpello-Borg—56 faċċ.—Malta 1941.

Dan il-ktieb fih biċċa proża (il-prefazju) u wieħed-u-għoxrin biċċa poeżija (preludju u għoxrin kant).

"Hemm dinja inkorporea, imma reali; imma attiva, ħajja. Il-kumpless tal-fakoltajiet mentali jiffurmha u n-natural iqiegħda fl-innumerevoli; f'dinjiet kollha għalihom, imdendlin f'beraħ wieħed, kbir, immens: fil-vojt tremend ta' l-Infinit" (faċċ. 5)

"Ħaġar samm, griż, *tant* kbir ..
refgħuni *hekk* ħfief, *tant* sbieħ...
b'*tant* għożża, b'*tant* mogħdrija... (faċċ. 11).

"Il-moħħ hu bażi għal-menti,
organu ċellulari, għas-sensi nterpreti,
osservatur l-evanexxenza, w ħiemed
l-astratt iħuf; mill-assolut jispekola :
Estasi fl-Infinit." (faċċ. 14).

Xħin tibda taqra u ssib bħal dan, u taqra u taqra u ma ssibx ħlief bħal dan—għoxrin kant bla pjan ta' xejn, bla sens u bla ritmu—ma jistax ikun li żżomm is-serjetà meħtieġa biex tidħol fl-ispirtu (jekk fiha) tal-poeżija u tara l-kittieb x'għandu ġdid x'igħidilna fuq il-mewt, fuq l-imħabba bejn l-iben u l-omm u fuq il-problemi l-oħra tal-ħajja. U m'intix sa toqgħod tfittex b'seba' għajnejn qalb dik il-karfa kollha għal xi verstejn tajbin.

* * *

Irċevejna minn għand P. Delia S. J. — ST. ALOYSIUS' COLLEGE MAGAZINE—*Special Centenary Number* No. 167 —Malta 1941. Fih ħafna artikoli sbieħ fuq il-Ġeżwiti u l-Ordni tagħhom u min waqqfu miktubin mill-għalliema tal-Kulleġġ. Irċevejna wkoll Razju Vidal. Nitkellmu fuqu darba oħra.

M. MIZZI
(Student tal-Liġi)

# Werrej tas-sena 1941-42


| | | | |
|---|---|---|---|
| AGIUS E. Dr. | It-Tempju ta' San Ġwann faċċ. | | 90 |
| ,, | Xewqiet għal Fomm ir-Riħ | ,, | 104 |
| AGIUS M. | Rebħ is-Sewwa | ,, | 114 |
| APAP V. | Il-Flus u l-Hena | ,, | 105 |
| AQUILINA Ġ. Prof. Dr. | Bin-id-Dmugħ | ,, | 4 |
| ,, | Il-Biża' tal-Mewt | ,, | 95 |
| ,, | Dizzjunarju ta' Sinonmi Maltin | ,, | 115 |
| BIANCARDI N. | Ġo Xelter il-Belt | ,, | 42 |
| BOFFA S. | Il-Kewkba tar-Rebħa | ,, | 55 |
| BROTHER AMEDY CHARLES | San Ġwann Batt. de la Salle | ,, | 78 |
| CALLEJA ANTON | Arti w Ħajja | ,, | 27 |
| ,, | Eroj | ,, | 16 |
| ,, | Ġanni | ,, | 9 |
| CASSAR PULLICINO G. | F'Raħal | ,, | 13 |
| ,, | Kif igħajtu l-Bejjiegħa | ,, | 45, 117 |
| CASSOLA A. M. | Il-Berritta bajda ta' bil-lejl | ,, | 17 |
| CAMILLERI FRAN. | Twelid il-Għana | ,, | 94 |
| ,, | Xandir l-Isem | ,, | 102 |
| CHETCUTI Ġ. | L-Isla | ,, | 36 |
| ,, | Xewqa w Tama | ,, | 41 |
| ,, | Lill-Gnejna Tiegħi | ,, | 60 |
| ,, | L-Omm | ,, | 107 |
| CREMONA A. | Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti | ,, | 20, 34 |
| CREMONA J. J. u GALEA Ġ., Dr. | Rapport fuq il-Konkors ta' l-Essays | ,, | 99 |
| COPPERSTONE H. P. J. | Is-Sur Tumas | ,, | 38, 58 |
| DELIA G. S J. | Dmugħ il-Kwiekeb | ,, | 83 |
| EDITUR | Il-lum u Għada | ,, | 25 |
| ,, | Il-lum | ,, | 49 |
| ,, | Ix-Xogħol Tagħna | ,, | 79 |
| FENECH KARM | Dwejjaq Siekta | ,, | 30 |
| FRENDO ANT. | Ir-Raqda Xitwija | ,, | 54 |
| GALEA Ġ. Dr. | Bewsa lill-Kanun | ,, | 62 |
| ,, | Il-Madonna tan-Niċċa | ,, | 84 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| MICALLEF GRIMAUD G. | Ftakart | facċ. | 89 |
| MIZZI M. | Is-Safar I, II | ,, | 8, 119 |
| ,, | Kotba Ġodda | ,, | 75, 120 |
| *Mors Mea Vita Tua* | Fi żmien l-Assedju | ,, | 112 |
| ORLANDO SMITH Ġ. | Ċawla Bajda | ,, | 101 |
| PENZA KARM. | Il-Fungu ta' Malta | ,, | 58 |
| PISANI Ġ. | Għid taż-Żgħużija | ,, | 36 |
| ,, | Il-Ġlieda tal-Ward | ,, | 62 |
| ,, | Iż-Zifna tal-Ward | ,, | 66 |
| PULLICINO J. | Il-Qawwa tal-Għoljet | ,, | 36 |
| RAS IL-FAR | *I am the Man* | ,, | 73 |
| SANT KARM. | Xi tfisser il-Ħidma għal Malti | ,, | 91 |
| SAYDON P.P. | Wara għaxar snin | ,, | 1 |
| ,, | It-*t* u d-*d* f'tarf il-kelma | ,, | 7 |
| ,, | Il-Komm. Alf. M. Galea | ,, | 57 |
| TABONE P. PAWL | Tifkira ta' l-Assedju | ,, | 67 |
| ZAMMIT Ġ. | L-Għerien tal-Fatati | ,, | 98 |


---

TISWIJA. Fil-facċ. 90 flok Micallef Rigaud aqra Micallef Grimaud.

Ħareġ il-

**METRIKA MALTIJA**

ta' KARMENU VASSALLO

kittieb tan-"Nirien" u "alla taż-żgħażagħ"

Jinbiegħ għand

A. C. AQUILINA & Co.

**58D Triq Irjali, il-Belt**

Ukoll xogħol ieħor interessanti ħafna

**"THE MALTESE LANGUAGE"**

tal-Prof. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

---

**Tisħiħ**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn**
**Malta d-doppju.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.